# KAPITOLU 415

## ATT DWAR ID-DRITTIJIET TAL-AWTUR

*ATT biex jagħmel provvedimenti ġodda dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet oħra relatati kif ukoll ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali li huma "sui generis" b'sostituzzjoni għall-provvedimenti tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, Kap. 196.*

14 ta' Awissu, 2000;
1 ta' Jannar, 2001

*L-ATT XIII tal-2000, kif emendat bl-Atti VI tal-2001, IX tal-2003, IX tal-2009 u VIII tal-2011.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I

TIFSIRIET

**2.** (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: IX. 2003.92; IX. 2009.2.*

"artisti" tinkludi kantanti, mużiċisti, żeffiena, atturi jew artisti oħra li jkantaw, jirreċtaw, jiddeklamaw, jagħmluha jew jilgħabuha ta' xi ħaddieħor, jinterpretaw jew xort'oħra jippreżentaw fuq il-palk xogħlijiet letterarji, mużikali u artistiċi jew espressjonijiet ta' folkolor u tinkludi wkoll kantanti, mużiċisti, atturi jew artisti oħra li jkantaw, jagħmluha ta' xi ħadd ieħor jew jirreċtaw f'wirjiet jew esibizzjonijiet ta' varjetà, ċirklu u folklor;

"awtorità dwar ix-xandir" tfisser l-Awtorità dwar ix-Xandir imwaqqfa bl-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"awtur" tfisser il-persuna naturali jew grupp ta' persuni naturali li jkunu ħolqu x-xogħol eliġġibbli għad-dritt tal-awtur iżda fil-każ ta' xogħol awdjoviżiv tinkludi lid-direttur prinċipali iżda teskludi lill-produttur tal-ewwel fissazzjoni tax-xogħol awdjoviżiv;

"Bord" tfisser il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur imwaqqaf taħt l-artikolu 45;

"*collecting society*" tfisser kull organizzazzjoni li timmaniġġa jew tamministra drittijiet tal-awtur jew drittijiet oħra relatati bħala l-għan uniku tagħha jew bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha kif regolata bil-provvedimenti ta' dan l-Att;

"*database*" tfisser ġabra ta' xogħlijiet indipendenti, data jew kull materjal ieħor irranġati b'mod sistematiku jew metodiku u individwalment aċċessibbli b'mezzi elettroniċi jew mezzi oħra mingħajr ma jkun meħtieġ li dan il-materjal ikun ġie fiżikament maħżun b'mod organizzat iżda ma jestendix għal programmi għall-*computer* li jintużaw fl-għemil jew fit-tħaddim ta' *database* aċċessibbli b'mezzi elettroniċi kompriżi fil-frażi "programm għall-*computer*";

"diżabilità perċettiva" tfisser diżabilità li tipprevjeni jew tinibixxi persuna milli taqra' jew tisma' xi xogħol letterarju,

mużikali, drammatiku jew artisitiku fil-format oriġinali tiegħu, u tinkludi kull diżabilità bhal dik li tirriżulta minn;

(*a*) taħsir għalkollox jew gravi tal-vista jew tas-smigħ jew l-inkapaċità li tiffoka jew li ċċaqlaq għajnejk;

(*b*) l-inkapaċità li żżomm jew timmanipola ktieb; jew

(*ċ*) indeboliment li għandu x'jaqsam mal-kapaċità li wiehed jifhem;

"distribuzzjoni" tfisser li tagħmel disponibbli għall-pubbliku permezz ta' bejgħ jew kull trasferiment ieħor ta' proprjetà;

"drittijiet tal-awtur" tfisser drittijiet tal-awtur skont dan l-Att;

"esplojtazzjoni kummerċjali" tfisser dwar topografiji prodotti minn semikonduttur, il-bejgħ, self b'renta, il-kiri jew kull metodu ieħor ta' distribuzzjoni kummerċjali, jew offerta li ssir għal dawn l-iskopijiet;

Iżda meta l-esplojtazzjoni sseħħ taħt kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità daqshekk li ma ssir ebda distribuzzjoni ulterjuri lil terzi, m'għandux jitqies li kien hemm "esplojtazzjoni kummerċjali";

"fissazzjoni" tfisser l-inkorporazzjoni ta' ħsejjes, xbihat, jew it-tnejn, jew rapprezentazzjonijiet diġitali tagħhom, f'kull forma materjali, li minnha jkunu jistgħu jiġu perċepiti, riprodotti jew imwasslin permezz ta' apparat;

''informazzjoni ta' amministrazzjoni ta' drittijiet'' tfisser kull informazzjoni mogħtija minn detenturi ta' drittijiet li tidentifika x-xogħol u kull suġġett ieħor imsemmi f'dan l-Att, l-awtur jew kull detentur ta' drittijiet oħra, jew informazzjoni dwar il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kif għandu jintuża x-xogħol jew suġġett ieħor, u kull numru jew kodiċi li jirrappreżentaw informazzjoni;

Kap. 460. ''it-Trattat'' għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

"komunikazzjoni lill-pubbliku" tfisser it-trasmissjoni ta' xogħol jew funzjonament jew reġistrazzjoni ta' smigħ bil-fili jew mingħajr fili lill-pubbliku u għall-iskop tal-artikolu 7 tinkludi li tagħmel dak ix-xogħol disponibbli għall-pubbliku b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jista' jkollhom aċċess għax-xogħol minn lok u f'ħin li jiġi individwalment magħżul minnhom:

Iżda l-provdiment sempliċi ta' faċilitajiet fiżiċi sabiex tkun tista' ssir jew għal għemil ta' komunikazzjoni ma tammontax fiha nnifisha għal att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku:

Iżda wkoll għall-finijiet tal-artikolu 19, komunikazzjoni lill-pubbliku tinkludi wkoll li tagħmel il-ħsejjes jew rappreżentazzjonijiet ta' ħsejjes li jsiru f'reġistrazzjoni ta' smigħ li jinstema' mill-pubbliku;

"komunikazzjoni lill-pubbliku bis-satellita" tfisser l-att li jiġu introdotti, taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' organizzazzjoni tax-xandir, is-sinjali li jittrasportaw il-programm li jkunu intiżi li jiġu riċevuti mill-pubbliku f'katina mhux interrotta ta' komunikazzjoni li twassal lejn is-satellita u 'l isfel lejn id-dinja u l-

Istat fejn dak l-att jokkorri għandu jitqies li jkun il-lok ta' origni ta' dak l-att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku bis-satellita:

Iżda jekk is-sinjali li jittrasportaw il-programm ikunu moħbija f'*code*, għaldaqshekk ikun hemm komunikazzjoni lill-pubbliku b'satellita jekk il-mezzi biex ix-xandira tinġieb lura fis-sħuħija tagħha jkunu pprovduti lill-pubbliku mill-organizzazzjoni tax-xandir jew bil-kunsens tagħha:

Iżda wkoll jekk l-att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku b'satellita jokkorri fi Stat li ma jkunx Malta jew li ma jkunx Stat li fih id-dritt esklużiv biex jawtorizza jew jipprevjeni ix-xandir bis-satellita ta' xogħol eliġġibbli għad-dritt tal-awtur jew drittijiet oħra relatati ikun protett taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsieħba fih, jekk is-sinjali li jittrasportaw il-programm jiġu trasmessi lis-satellita minn *uplink station* li jkun jinsab Malta, dak l-att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku bis-satellita għandu jitqies bħala li jkun okkorra f'Malta sabiex id-drittijiet pprovduti b'dan l-Att għandhom ikunu eżerċitabbli kontra l-persuna li tkun qed topera dak l-*uplink station*, jew inkella fin-nuqqas ta' *uplink station* f'Malta, jekk organizzazzjoni tax-xandir stabbilita f'Malta tkun ikkummissjonat l-att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku bis-satellita, dak l-att għandu jitqies bħala li jkun okkorra f"Malta u d-drittijiet li dan l-Att jipprovdi dwarhom għandhom ikunu eżerċitabbli kontra dik l-organizzazzjoni tax-xandir;

"kopja" tfisser riproduzzjoni b'forma miktuba jew grafika inkluża riproduzzjoni diġitali, fil-forma ta' reġistrazzjoni jew ta' xogħol awdjoviżiv, jew f'xi forma oħra materjali, iżda hekk illi oġġett ma għandux jittieħed li jkun kopja ta' xogħol ta' arkitettura jekk l-oġġett ma jkunx bini jew mudell;

"korp ta' persuni" tfisser kull kumpannija jew għaqda ta' persuni, sew korporata sew mhux korporata, sew jekk ikollha personalità ġuridika sew jekk le, u tinkludi lil kull korp ieħor jissemma' kif jissemma' u li jkollu personalità ġuridika;

"legali" tfisser magħmul skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u "legalment" għandha tiftiehem skont hekk;

"liċenza" tfisser liċenza mogħtija legalment li tippermetti l-għemil ta' att kontrollat mid-drittijiet tal-awtur jew minn drittijiet oħra relatati;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet oħra relatati u tinkludi sal-limitu tal-awtorità mogħtija, kull persuna awtorizzata mill-Ministru għal hekk għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att li ma jkunx l-għan li hemm fl-artikolu 59;

''miżuri teknoloġiċi'' tfisser kull teknoloġija, apparat jew komponenti li, fil-kors normali tal-ħidma tagħhom, tkun iddisinjata biex tipprevjeni jew tirrestrinġi atti, dwar xogħlijiet jew suġġetti oħra, li mhumiex awtorizzati minn detentur ta' drittijiet tal-awtur jew dritt viċin jew drittijiet *sui generis* skont ma hemm provdut dwarhom b'dan l-Att. Miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu bħala

"effettivi" meta l-użu ta' xogħol protett jew suġġett ieħor ikun ikkontrollat mid-detenturi ta' drittijiet permezz tal-applikazzjoni ta' kontroll ta' aċċess jew proċess ta' protezzjoni, dawk l-*encryption, scrambling* jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew suġġett ieħor jew kopja ta' mekkaniżmu ta' kontroll, li jiksbu l-objettiv ta' protezzjoni;

"organizzazzjoni tax-xandir" tfisser kull xandar sew jekk ikollu liċenza taht l-Att dwar ix-Xandir jew taħt xi liġi oħra f'Malta, u tinkludi kuntrattur tax-xandir li jkun qed jopera f'Malta;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni;

"preskritt" tinkludi preskritt b'regolamenti magħmula taħt l-artikolu 59;

"prodott minn semikonduttur" tfisser forma finali jew intermedja ta' xi prodott li jkun jikkonsisti f'korp ta' materjal li jkun jinkludi saff ta' materjal semikonduċenti, li jkollu strat wieħed jew iktar komposti minn materjal konduttiv, iżolanti jew semikonduttiv, b'dan li l-istrati jkunu rranġati skont firxa tridimensjonali predeterminata u li tkun intiża li twettaq, esklużivament jew flimkien ma' funzjonijiet oħra, funzjoni elettronika;

"produttur ta' reġistrazzjoni ta' smigħ" tfisser l-enti legali li tieħu l-inizjattiva u li jkollha r-responsabbiltà tal-ewwel fissazzjoni tal-ħsejjes ta' esekuzzjoni jew ta' ħsejjes oħra jew tar-rappreżentazzjoni ta' ħsejjes;

"programm għall-*computer*" tinkludi programmi għall-*computer*, jkunu xi jkunu l-mod u l-għamla tal-espressjoni tagħhom inklużi dawk li jkunu inkorporati f'*hardware*, *interfaces* li jipprovdu għall-interkonnessjoni fiżika u l-interazzjoni jew pjuttost l-interoperabilità bejn elementi ta' *software* u *hardware* u materjal ta' disinn preparatorju li jwassal għall-iżvilupp ta' programm għall-*computer*:

Iżda x-xorta ta' materjal ta' disinn preparatorju jkun tali li programm għall-*computer* jista' jirriżulta minnu fi stadju ulterjuri;

"proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur" tfisser l-awtur li jkun l-ewwel proprjetarju, ċessjonarju jew detentur esklużiv ta' liċenza, skont il-każ, ta' drittijiet tal-awtur u fil-każ ta' xogħol kollettiv, l-ewwel proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur għandu jkun il-persuna naturali jew legali li bl-inizjattiva u direzzjoni tiegħu ix-xogħol ikun ġie maħluq;

"reġistrazzjoni ta' smigħ" tfisser il-fissazzjoni ta' sekwenza ta' ħsejjes jew ta' rappreżentazzjoni diġitali ta' ħsejjes li tkun tista' tinstema' bil-widna u li tkun tista' tiġi riprodotta, iżda ma tinkludix kolonna sonora assoċjata ma' xi xogħol awdjoviżiv;

"renta" tfisser li tagħmel disponibbli għall-użu, għal perjodu limitat ta' żmien u għal vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali, dirett jew indirett;

"riproduzzjoni" tfisser l-għemil ta' kopja waħda jew iżed f'xi forma materjali ta' xogħol letterarju, mużikali jew artisitiku, ta' xogħol awdjoviżiv jew ta' registrazzjoni ta' smigħ u tinkludi l-ħażna ta' xogħol bhal dak f'xi *medium* b'mezzi elettroniċi;

"ritrasmissjoni bil-*cable*" tfisser ir-ritrasmissjoni simultanja, mhux mittiefsa u mhux imqassra bil-*cable* jew permezz ta' kull trasportatur materjali ieħor għar-riċezzjoni mill-pubbliku ta' trasmissjoni inizjali bil-fili jew fl-arja, inkluża dik li ssir bis-satellita, ta' programmi televiżivi jew tar-radju li jkunu intiżi għar-riċezzjoni mill-pubbliku, minn ġewwa Malta jew minn xi Stat li fih id-dritt esklużiv biex tiġi awtorizzata dik ir-ritrasmissjoni bil-*cable* ta' xogħlijiet eliġġibbli għal drittijiet tal-awtur jew drittijiet oħra relatati ikun protett taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsieħba fih;

"satellita" tfisser kull satellita li tkun topera fuq bandi tal-frekwenza li, taħt il-liġi tat-telekomunikazzjonijiet internazzjonali huma riservati għax-xandir ta' sinjali għar-riċezzjoni mill-pubbliku jew li huma riservati għal komunikazzjoni magħluqa minn punt għall-ieħor. F'dan l-aħħar każ, madankollu, iċ-ċirkostanzi li fihom issir ir-riċezzjoni individwali tas-sinjali għandha titqabbel sew ma' dawk li jkunu japplikaw fl-ewwel każ;

"self" tfisser li tagħmel disponibbli għall-użu, għal perjodu ta' żmien limitat u mhux għal xi vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali, dirett jew indirett, meta dan isir minn stabbilimenti aċċessibbli għall-pubbliku:

Iżda, wkoll meta s-self minn dak l-istabbiliment jagħti lok għal ħlas ta' xi flus, sakemm dak il-ħlas ma jkunx jiżboq dak li jkun meħtieg biex ikopri l-ispejjeż operattivi tal-istabbiliment, ma jkunx hemm xi vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali, dirett jew indirett, fis-sens ta' dan l-Att;

"Stat Membru" tfisser stat li hu membru tal-Unjoni Ewropea;

"topografija ta' prodott minn semikonduttur" tfisser serje ta' xbihat relatati, jkunu kif ikunu ffissati jew mogħtija *code*, li jkunu jirrappreżentaw il-firxa tridimensjonali tas-saffi li minnhom ikun kompost prodott minn semikonduttur u f'liema serje, kull xbieha jkollha l-firxa jew parti mill-firxa ta' wiċċ tal-prodott minn konduttur f'kull stadju tal-manifattura tiegħu;

''Unjoni Ewropea'' tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat;

"wirja" tfisser it-twettiq dirett ta' xogħol quddiem il-pubbliku li jsir taht dawk iċ-ċirkostanzi li x-xogħlijiet li jintwerew ikunu jistgħu jiġu perċepiti mill-pubbliku mingħajr ebda komunikazzjoni intermedja;

"xandir" tfisser it-trasmissjoni b'mezzi mingħajr fili għar-riċezzjoni pubblika ta' ħsejjes jew ta' xbihat u ħsejjes jew tar-rappreżentazzjonijiet tagħhom, inkluż it-trasmissjoni bis-satellita. Xandir ma tinkludix xandir mill-ġdid;

"xandir mill-ġdid" tfisser xandir simultanju minn organizzazzjoni tax-xandir waħda tax-xandira ta' organizzazzjoni tax-xandir oħra li ma tkunx taħt il-kontroll tagħha, sew jekk din tkun tinsab Malta jew barra minn Malta, u "ixxandar mill-ġdid" għandha tiftiehem skont hekk:

Iżda, "xandir mill-ġdid tardiv" għandha tfisser biss dak ix-xandir sussegwenti u "ixxandar mill-ġdid tardivament" għandha

tiftiehem skont hekk;

"xogħol artistiku" tinkludi, irrispettivament mill-kwalità artistika, kull wieħed minn dawn li ġejjin, jew xogħlijiet simili għalihom;

(*a*) pitturi, disinji, kopji meħudin minn fuq pjanċi inċizi, litografiji, inċiżjonijiet fuq l-injam, inċiżjonijiet u stampat;

(*b*) mapep, pjanti, dijagrammi u xogħlijiet tridemensjonali relattivi għall-ġjografija, xjenza jew topografija, iżda b'esklużjoni ta' topografiji prodotti minn semikonduttur;

(*ċ*) xogħlijiet ta' skultura;

(*d*) fotografiji mhux inkluzi f'xogħol awdjoviżiv;

(*e*) xogħlijiet ta' arkitettura fil-forma ta' bini jew mudelli; u

(*f*) xogħlijiet ta' sengħa artistika, inklużi tessuti minsuġa bi stampi u oġġetti ta' arti applikata bl-idejn u ta' arti industrijali;

"xogħol awdjoviżiv" tfisser xogħol li jikkonsisti f'serje ta' xbihat relatati li jagħtu l-impressjoni ta' moviment, flimkien ma' ħsejjes li jakkumpanjaw jew mingħajrhom, suxxettibbli li jsiru viżibbli u, meta dawn ikunu akkumpanjati bi ħsejjes, suxxettibbli li jsiru li jistgħu jinstemaw;

"xogħol ta' ko-awturi" tfisser xogħol prodott bil-kollaborazzjoni ta' żewġ awturi jew iżjed li fih il-kontribuzzjoni ta' kull awtur ma tkunx separabbli mill-kontribuzzjoni tal-awtur l-ieħor jew tal-awturi l-oħra;

"xogħol kollettiv" tfisser xogħol li jkun ġie maħluq minn żewġ persuni fiżiċi jew iktar b'inizjattiva u taħt id-direzzjoni ta' persuna fiżika jew entità legali bil-fehmien li x-xogħol se jkun żvelat minn dik l-aħħar persuna jew entità f'isimha u li l-identità tal-persuni fiżiċi kontribwenti ma tiġix indikata fix-xogħol;

"xogħol letterarju" tfisser, irrispettivament mill-kwalità letterarja, kull wieħed minn dawn li ġejjin, jew xogħlijiet simili għalihom;

(*a*) rumanzi, stejjer u xogħlijiet poetiċi;

(*b*) kompożizzjonijiet teatrali, direzzjonijiet tal-palk, xogħlijiet koreografiċi jew trattenimenti fi spettakoli muti, xenarji ta' pellikoli u manuskritti għax-xandir;

(*ċ*) kotba ta' test, trattati, storja, bijografiji, *essays* u artikoli;

(*d*) enċiklopediji u dizzjunarji;

(*e*) ittri, rapporti u memoranda;

(*f*) konferenzi, indirizzi u priedki;

(*g*) programmi għall-*computer*,

iżda salv kif provdut fl-artikolu 12 tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, ma tinkludi ebda liġi miktuba,

rapport ta' kawzi jew deċiżjoni ġudizzjarja;

"xogħol mużkali" tfisser kull xogħol mużikali, irrispettivament mill-kwalità mużikali, u tinkludi xogħlijiet komposti għall-akkompanjament mużikali.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw relattivament għall-pubblikazzjoni;

(*a*) xogħol jew reġistrazzjoni ta' smiegħ għandhom jitqiesu li jkun ġie pubblikat jekk kopji tiegħu ikunu disponibbli fi kwantità raġonevoli għall-bejgħ, self b'renta, kiri jew b'kull mod ieħor suffiċjenti li jagħmel ix-xogħol aċċessibbli għall-pubbliku:

Iżda fil-każ ta' xogħol, li jkun sar disponibbli għall-pubbliku, dan għandu jkun sar bil-kunsens tal-awtur jew tal-proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur l-ieħor, u fil-każ ta' reġistrazzjoni ta' smigħ, bil-kunsens tal-produttur tar-reġistrazzjoni ta' smigħ jew tas-suċċessur tiegħu fit-titolu;

(*b*) għall-finijiet tal-artikolu 19, reġistrazzjoni ta' smigħ li tkun saret disponibbli għall-pubbliku b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili b'dak il-mod li l-membri tal-pubbliku jistgħu ikollhom aċċess għaliha minn lok f'ħin li jiġi individwalment magħżul minnhom, għandu jiġi kkunsidrat daqs li kieku kien ippubblikat għal finijiet kummerċjali;

(*ċ*) meta għall-bidu parti biss minn xogħol tkun pubblikata, dik il-parti għandha titqies għall-finijiet ta' dan l-Att bħala xogħol separat;

(*d*) pubblikazzjoni f'pajjiż għandha titqies li tkun l-ewwel pubblikazzjoni għalkemm tkun ġà saret qabel l-ewwel pubblikazzjoni band'oħra, jekk iż-żewġ pubblikazzjonijiet ikunu saru fi żmien ta' mhux iżjed minn tletin ġurnata.

## TAQSIMA II

## DRITTIJIET TAL-AWTUR

Xogħlijiet eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur. *Emendat: IX. 2009.3.*

**3.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet x-xogħlijiet li ġejjin ikunu eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur -

(*a*) xogħlijiet artistiċi;

(*b*) xogħlijiet awdjoviżivi;

(*ċ*) *databases*;

(*d*) xogħlijiet letterarji;

(*e*) xogħlijiet mużikali.

(2) Xogħol letterarju, mużikali jew artistiku ma jkununx eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur kemm-il darba x-xogħol ma jkollux kwalit*à* oriġinali u ma jkunx inkiteb, ġie reġistrat, iffissat jew xort'oħra mogħti forma materjali.

Barra minn hekk, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur

m'għandhiex testendi għal ideat, proċeduri, metodi ta' tħaddim jew kunċetti matematiċi bħal dawk.

(3) Xogħol ma jkunx ineliġibbli għad-drittijiet tal-awtur minħabba biss illi l-għemil tax-xogħol, jew l-għemil ta' xi att relattivament għal dak ix-xogħol, ikun implika xi ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq xi xogħol ieħor.

(4) *Database* ma tkunx eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur kemm-il darba minħabba fl-għażla jew l-arranġament tal-kontenut tagħha, tkun tikkostitwixxi l-kreazzjoni intellettwali tal-awtur. Iktar minn hekk, id-drittijiet tal-awtur mogħtija lil xi *database* ma għandhomx jestendu għall-kontenut tagħha u għandhom ikunu mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet kollha li jibqgħu jeżistu f'dak il-kontenut innifsu.

Kwalifika għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur minħabba fl-awturi.

**4.** (1) Għandhom jingħataw id-drittijiet tal-awtur b'dan l-artikolu fuq kull xogħol eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur li l-awtur tiegħu jew, fil-każ ta' xogħol ta' ko-awturi, xi wieħed mill-ko-awturi jkun, fiż-żmien meta jsir ix-xogħol -

(*a*) individwu li jkun ċittadin ta' Malta, jew ikun domiċiljat jew residenti permanentement f'Malta jew fi Stat li fih id-drittijiet tal-awtur ikunu protetti taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsieħba fih; jew

(*b*) korp ta' persuni jew soċjetà kummerċjali kostitwiti, stabbiliti, reġistrati u vestiti b'personalità ġuridika taħt il-liġijiet ta' Malta jew ta' Stat li fih id-drittijiet tal-awtur ikunu protetti taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsieħba fih.

(2) Il-perjodi ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur mogħtija b'dan l-artikolu għandhom jiġu kalkolati skont it-tabella li ġejja;

TABELLA

| **Tip ta' Xogħol** | **Data meta Jiskadu d-Drittijiet tal-Awtur** |
|---|---|
| (i) Xogħlijiet letterarji, mużikali jew artistiċi u *database* | Sebgħin sena wara l-aħħar tas-sena li fiha jmut l-awtur, irrispettivament mid-data wara x-xogħol ikun leġittimament sar disponibbli għall-pubbliku. |
| (ii) Xogħlijiet awdjoviżivi | Sebgħin sena wara l-aħħar tas-sena li fiha tmut l-aħħar minn dawn il-persuni li ġejjin: id-direttur prinċipali, l-awtur tal-i*screenplay*, l-awtur tad-djalogu u l-kompożitur tal-mużika speċifikament oriġinata biex tintuża tix-xogħol awdjoviżiv. |

(3) Fil-każ ta' xogħol letterarju, mużikali jew artistiku anonimu jew bi psewdonimu, jew fil-każ ta' xogħol kollettiv, id-drittijiet tal-awtur dwaru għandhom jibqgħu jeżistu sakemm

jiskadu sebgħin sena mill-aħħar tas-sena li fiha jkun sar leġittimament disponibbli għall-pubbliku jew wara tmiem is-sena li fiha x-xogħol ikun sar jekk dan ma jkunx sar disponibbli għall-pubbliku:

Iżda meta l-psewdonimu adottat mill-awtur ma jħalli ebda dubju dwar l-identità tiegħu jew fil-każ li l-identità tal-awtur tiġi magħrufa matul il-perjodu imsemmi fil-paragrafu ta’ qabel dan ta’ dan is-subartikolu jew meta fil-każ ta’ xogħlijiet kollettivi minn korp ta’ persuni, il-persuni naturali li jkunu oriġinaw ix-xogħol ikunu individwalment identifikabbli fil-verżjonijiet tax-xogħol li jkun sar disponibbli għall-pubbliku, il-perjodi ta’ protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur għandhom jiġu kalkolati skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (i) tas-subartikolu li jiġi minnufih qabel dan.

(4) Fil-każ ta’ xogħol ta’ ko-awturi, ir-riferenza fit-tabella preċedenti għall-mewt tal-awtur għandha titqies li tirriferixxi għall-ko-awtur li jmut l-aħħar, sew jekk ikun persuna kwalifikata sew jekk le skont l-artikolu 4(1).

(5) Fil-każ ta’ persuna li għall-ewwel darba leġittimament tippubblika jew leġittimament tikkommunika lill-pubbliku xi xogħol li qatt qabel ma jkun ġie ppubblikat li tkun skadiet il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur tiegħu, huwa għandu jibbenefika minn protezzjoni li tkun tiswa daqs id-drittijiet ekonomiċi koperti mid-drittijiet tal-awtur iżda limitatament għal perjodu ta’ ħamsa u għoxrin sena minn meta x-xogħol ikun ġie leġittimament pubblikat jew leġittimament komunikat lill-pubbliku għall-ewwel darba.

(6) Meta xogħol jiġi ppubblikat f’volumi, taqsimiet, puntati minn sensiela, ħarġiet jew episodji u l-perjodu ta’ protezzjoni jibda għaddej minn meta x-xogħol ikun leġittimament sar disponibbli għall-pubbliku, il-perjodu ta’ protezzjoni għandu jibda għaddej għal kull tali oġġett separatament.

Kwalifika għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur b’riferenza għall-pajjiż fejn isir ix-xogħol jew ikun pubblikat.

**5.** (1) Għandhom jingħataw id-drittijiet tal-awtur b’dan l-artikolu fuq kull xogħol eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur li jsir jew ikun l-ewwel pubblikat f’Malta jew fi Stat li fih dawk ix-xogħlijiet ikunu protetti taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsieħba fih u li ma kienx oġġett tad-drittijiet tal-awtur mogħtija bl-artikolu 4.

(2) Id-drittijiet tal-awtur mogħtija fuq xogħol b’dan l-artikolu għandu jkollhom l-istess dewmien kif provdut bl-artikolu 4 relattivament għall-istess tip ta’ xogħol.

Drittijiet tal-awtur fuq xogħlijiet tal-Gvern u ta’ għaqdiet internazzjonali.

**6.** (1) Għandhom jingħataw id-drittijiet tal-awtur b’dan l-artikolu fuq kull xogħol li jkun eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur u li jsir bi jew skont l-ordni jew kontroll tal-Gvern ta’ Malta kif ukoll ta’ dawk il-gvernijiet ta’ Stati oħra, għaqdiet internazzjonali jew organizzazzjonijiet oħra inter-governattivi kif jista’ jiġi preskritt mill-Ministru responsabbli għall-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrjali.

(2) Id-drittijiet tal-awtur mogħtija b’dan l-artikolu fuq *databases* jew fuq xogħol letterarju, mużikali jew artistiku għandhom jibqgħu jeżistu sakemm jiskadu sebgħin sena mill-aħħar tas-sena li fiha x-xogħol ikun pubblikat għall-ewwel darba.

(3) Id-drittijiet tal-awtur mogħtija b'dan l-artikolu fuq xogħol awdjoviżiv għandu jkollhom l-istess dewmien kif provdut bl-artikolu 4 relattivament għall-istess tip ta' xogħol.

(4) L-artikolu 4(5) għandu japplika bl-istess mod għal xogħlijiet eliġibbli għad-drittijiet tal-awtur li dwarhom japplika dan l-artikolu u li, għax ma kienux qabel pubblikati, ikunu leġittimament pubblikati jew leġittimament komunikati lill-pubbliku għall-ewwel darba wara li tkun skadiet il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

(5) L-artikoli 4 u 5 ma għandhomx jitqiesu li jagħtu drittijiet tal-awtur fuq xogħlijiet li għalihom japplika dan l-artikolu.

Xorta ta' drittijiet tal-awtur fuq xogħol awdjoviżiv, *database*, u xogħol letterarju, mużikali u artistiku. *Sostitwit: IX. 2003.93. Emendat: VIII. 2011.16.*

**7.** (1) Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, *database,* xogħol litterarju, mużikali jew artistiku jkunu d-dritt esklużiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-għemil f'Malta dwar il-materjal protett fit-totalità tiegħu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-għamla oriġinali tiegħu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingħaraf sew mill-oriġinali ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(*a*) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull għamla, għal kollox jew f'parti minnu;

(*b*) il-ħlas għall-kiri u s-self;

(*ċ*) id-distribuzzjoni;

(*d*) it-traduzzjoni f'ilsna oħra inklużi ilsna differenti li jintużaw fil-*computer*;

(*e*) l-adattament, l-arranġament u kull tibdil ieħor u r-riproduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni, wiri jew esekuzzjoni quddiem il-pubbliku tar-riżultati ta' dan;

(*f*) ix-xandir jew ix-xandir mill-ġdid jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku jew it-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil;

(*g*) il-wiri jew l-esekuzzjoni quddiem il-pubbliku:

Iżda wkoll il-jedd li tiġi awtorizzata jew projbita t-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil ta' xandira televiżiva jista' jiġi biss eżerċitat permezz ta' *collecting society.*

(2) Id-dritt li tiġi awtorizzata jew projbita t-trasmissjoni mill-ġdid ma għandux japplika meta t-trasmissjoni ssir f'Malta:

Kap. 399.

(*a*) jekk it-trasmissjoni mill-ġdid tkun taqbel ma' ħtieġa ta' *must carry* konformi mal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi; u

(*b*) jekk u sal-limitu li t-trasmissjoni issir għal riċezzjoni fl-area fejn it-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil tista' tiġi riċevuta.

(3) Id-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni tat-trasmissjoni mill-ġdid bil-*cable* ta' xandira televiżiva jkun biss eżerċitabbli permezz ta' *collecting society.*

(4) Meta jiġri dak li hemm provdut dwaru fis-subartikolu (2)

meta d-detentur ta' drittijiet ma jkunx ittrasferixxa t-tmexxija tad-drittijiet tiegħu lil *collecting society*, il-*collecting society* li tkun tmexxi d-drittijiet tal-istess kategorija għandha titqies li jkollha mandat li tmexxi d-drittijiet tagħha. Dak id-detentur ta' drittijiet għandu jkollu l-istess drittijiet u obbligi li jirriżultaw mill-ftehim bejn l-operatur bil-fil u l-*collecting society* li hekk titqies bħala li għandha mandat biex tmexxi d-drittijiet tiegħu bħad-detenturi ta' drittijiet li jkunu taw mandat lil dik il-*collecting society* u jistgħu jitolbu dawk id-drittijiet fi żmien tliet snin mid-data tat-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil li tinkludi x-xogħol tiegħu jew xi suġġett ieħor protett.

(5) Meta ma jsir ebda ftehim dwar l-awtorizzazzjoni tat-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil ta' xandira, kull parti tista' titlob għall-għajnuna ta' xi medjatur wieħed jew aktar maħtura miċ-*chairman* taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ għal Malta kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim xort' oħra mill-partijiet kollha. Il-ħidma tal-medjaturi tkun li tiġi pprovduta għajnuna permezz ta' negozjati. Huma jistgħu wkoll jagħmlu proposti lill-partijiet. Jitqies li l-partijiet kollha jkunu jaċċettaw proposta kif imsemmi f'dan is-subartikolu jekk ħadd minnhom ma jesprimi ebda oppożizzjoni fi żmien tliet xhur. Avviż tal-proposta u ta' kull oppożizzjoni għaliha għandu jiġi notifikat lill-partijiet konċernati b'att ġudizzjarju kemm-il darba l-partijiet ma jiftehmux xort'oħra. Il-medjaturi għandhom ikunu hekk magħżulin li ma jkun hemm ebda dubju raġonevoli kemm dwar l-indipendenza kemm l-imparzjalità tagħhom.

Meta jintemmu d-drittijiet ta' distrubuzzjoni.
*Sostitwit: IX. 2003.94.*

**8.** (1) L-ewwel bejgħ jew trasferiment ieħor ta' proprjetà fis-suq tax-xogħol oriġinali li jgawdi d-drittijiet tal-awtur jew kopji tiegħu, meta dak il-bejgħ isir minn jew bil-kunsens tas-sid tad-drittijiet tal-awtur innifsu, għandu jtemm id-dritt ta' distribuzzjoni esklużiva dwar dak ix-xogħol jew il-kopja tiegħu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "suq" tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004 l-Unjoni Ewropea.

Restrizzjoni dwar ċerti xogħlijiet.
*Sostitwit: IX. 2003.95.*
*Emendat: IX. 2009.4.*

**9.** (1) Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, *database*, xogħol letterarju ħlief fil-każ ta' program tal-*computer*, xogħol mużikali jew artistiku ma għandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni:

(*a*) ta' għemejjel temporanji ta' riproduzzjoni li jkunu transjenti jew inċidentali li jiffurmaw parti ċentrali u essenzjali ta' proċess teknoloġiku u li l-għan ewlieni tiegħu jkun li jiffaċilita:

(i) trasmissjoni f'*network* bejn terzi minn intermedjarju, jew

(ii) użu leġittimu ieħor li jsir xogħol jew suġġett ieħor, u li ma jkollhom ebda sinifikat ekonomiku indipendenti;

(*b*) ir-riproduzzjonijiet fuq il-karta jew xi mezz bħal dak, li jsiru billi tintuża kull xorta ta' teknika fotografika jew xi proċess ieħor li jkollu effetti simili, ħlief għal mużika fuq il-karta, sakemm id-detenturi ta' drittijiet

jirċievu kumpens xieraq;

(*ċ*) ir-riproduzzjonijiet fuq xi mezz li ssir minn persuna naturali għall-użu privat u għal finijiet li la huma direttament u lanqas in-direttament kummerċjali, bil-kondizzjoni li d-detenturi ta' drittijiet jirċievu kumpens xieraq li jqis l-applikazzjoni jew nuqqas ta' applikazzjoni ta' miżuri teknoloġiċi għax-xogħol jew għas-suġġett in kwistjoni;

(*d*) atti speċifiċi tar-riproduzzjoni magħmulin minn libreriji, stabbilimenti edukattivi jew mużewijiet aċċessibbli pubblikament, jew minn arkivji, li ma jeżistux għal xi vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali dirett jew indirett;

(*e*) reġistrazzjonijiet qosra ħafna ta' xogħlijiet magħmulin minn organizzazzjonijiet tax-xandir permezz tal-faċilitajiet tagħhom infushom u għax-xandiriet tagħhom stess:

Iżda wkoll ir-riproduzzjoni ta' xogħol magħmul taħt dan il-paragrafu jista', jekk ikollu xorta ta' dokumentarju eċċezzjonali, jinżamm sigur fl-arkivji uffiċjali;

(*f*) ir-riproduzzjonijiet ta' xandiriet li jsiru minn istituzzjonijiet uffiċjali li jkunu qed jitmexxew skont finijiet mhux kummerċjali, bħalma huma sptarijiet jew ħabsijiet, sakemm id-detenturi ta' drittijiet jirċievu kumpens xieraq;

(*g*) it-twettieq, daqq jew wiri ta' xogħol f'post fejn ma jitħallas ebda dritt ta' dħul għal dan l-att minn xi *club* li l-iskop tiegħu ma jkunx li jagħmel qligħ;

(*h*) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol għall-għan ewlieni li ssir illustrazzjoni biss għal tagħlim jew riċerka xjentifika sal-limitu ġustifikat biex jintlaħaq l-iskop mhux kummerċjali, u sakemm l-oriġini, inkluż l-isem tal-awtur ikun indikat, sakemm dan ma jkunx impossibli;

(*i*) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol għall-benefiċċju ta' nies b'diżabilità, li jkun relatat direttament mad-diżabilità u ta' natura mhux kummerċjali, sal-limitu meħtieġ bid-diżabilità speċifika;

(*j*) ir-riproduzzjoni mill-istampa, traduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni lill-pubbliku ta' artikoli pubblikati fuq topiċi ekonomiċi, politiċi jew reliġjużi kurrenti jew suġġett ieħor tal-istess xorta, f'każijiet fejn dak l-użu ma jkunx espressament riżervat, u sakemm l-oriġini, magħdud l-isem tal-awtur, ikun indikat jew użu ta' xogħlijiet jew suġġett ieħor dwar ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti, sal-limitu ġustifikat bl-iskop ta' informazzjoni u sakemm l-oriġini,

magħdud l-isem tal-awtur ikun indikat, sakemm dan ma jkunx impossibbli;

(*k*) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' kwotazzjonijiet għal skopijiet bħal kritika jew rivista, sakemm jirreferu għal xogħol jew suġġett li jkun diġa tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod leġittimu, sakemm, ma jkunx impossibbli, l-oriġini, magħdud l-isem tal-awtur, ikun indikat u li l-użu tagħhom ikun skont prattika xierqa, u sal-limitu meħtieġ bl-għanijiet speċifiċi;

(*l*) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol għall-finijiet ta' sigurtà pubblika jew sabiex jiġi żgurat il-funzjonament jew rappurtaġġ xieraq ta' proċedimenti amministrattivi, parlamentari jew ġudizzjarji;

(*m*) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' taħdidiet politiċi kif ukoll ta' estratti ta' *lectures* pubbliċi jew ta' xogħlijiet jew suġġetti bħal dawk sal-limitu ġustifikat b'għanijiet ta' informazzjoni u sakemm l-oriġini, inkluż isem l-awtur, ikun indikat, sakemm ma jkunx responsabbli;

(*n*) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xi xogħol għall-użu waqt ċelebrazzjonijiet reliġjużi jew ċelebrazzjonijiet uffiċjali organizzati minn xi awtorità pubblika;

(*o*) il-qari jew reċitazzjoni fil-pubbliku minn persuna ta' xi estratt raġonevoli minn xogħol letterarju pubblikat jekk ikollu miegħu rikonoxximent biżżejjed;

(*p*) l-inklużjoni f'komunikazzjoni lill-pubbliku, ir-riproduzzjoni grafika, it-teħid ta' ritratt jew film ta' xogħol ta' arkitettura jew skultura jew xogħlijiet simili magħmula biex ikunu lokalizzati b'mod permanenti f'post pubbliku;

(*q*) l-inklużjoni inċidentali ta' xogħol jew suġġett ieħor b'materjal ieħor;

(*r*) ir-riproduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni pubblika ta' xi xogħol għall-fini ta' reklamar, esibizzjoni pubblika jew il-bejgħ ta' xogħlijiet artistiċi, sal-limitu meħtieġ biex iġib 'il quddiem il-ġrajja, eskluż kull użu kummerċjali ieħor;

(*s*) ir-riproduzzjoni jew kommunikazzjoni lill-pubbliku ta' xi xogħol bħala karikatura, *pastiche* jew parodija;

(*t*) ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xi xogħol li jkollu x'jaqsam mal-wiri jew it-tiswija ta' tagħmir;

(*u*) ir-riproduzzjoni, distribuzzjoni jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol artistiku fl-għamla ta' xi bini jew tpinġija jew pjanta ta' bini għall-finijiet li dak il-bini jerġa' jinbena mill-ġdid;

(*v*) il-komunikazzjoni lill-pubbliku, għall-fini ta' riċerka jew ta' studju privat, lill-membri individwali tal-pubbliku permezz ta' terminali dedikati fil-fond ta' stabbilimenti msemmija fil-paragrafu (*d*) ta' xogħlijiet u suġġetti oħra, li ma jkunux soġġetti għal patti ta' xiri jew ta' liċenzjar, li jkunu jinsabu fil-kollezzjonijiet tagħhom;

(*w*) fil-każ ta' *database*, l-għemil ta' dawk l-atti li normalment ikunu meħtieġa sabiex min ikun qed jużah bil-liċenza jikseb aċċess għall-kontenut tad-*database* u l-użu normali tagħha, dwar id-*database* kollha jew parti minnha li minn jużaha jkolli l-liċenza biex juża; u kull disposizzjoni kuntrattwali li tmur kontra dak li hu preskitt f'dan il-paragrafu jkunu nulli u bla effett.

(2) Id-drittijiet tal-awtur dwar programm tal-*computer* ma għandux jinkludi d-dritt tal-awtorizzazzjoni jew projbizzjoni dwar:

(*a*) l-osservazzjoni, l-istadju jew l-ittestjar tal-funzjonament tal-programm mill-utent li jkollu liċenza sabiex jistabbilixxi l-ideat u l-prinċipji li jkun l-bażi ta' kull element tal-programm jekk dan isir fil-waqt li jkunu qegħdin jitwettqu xi attijiet ta' *loading*, wiri, tħaddim, trasmissjoni jew ħżin tal-programm li jkollu jedd jagħmel;

(*b*) ir-riproduzzjoni mill-utent li jkollu liċenza għal dak l-iskop tal-*code* u tat-traduzzjoni tal-forma meta din hija tiegħu li jkunu indispensabbli biex jinkiseb it-tagħrif meħtieġ biex tintlaħaq l-interoperabilità ta' programm għall-*computer* li jkun ġie oriġinat indipendentement ma' programmi oħra, sakemm dawn l-attijiet jinżammu biss għall-partijiet tal-programm oriġinali li huma meħtieġa biex tinkiseb l-interoperabilità u t-tagħrif meħtieġ biex tinkiseb l-interoperabilità ma kienx qabel disponibbli bla ebda xkiel lill-utent li jkollu liċenza għal dak l-iskop:

Iżda kull tagħrif li jinkiseb mir-riproduzzjoni tal-*code* u t-traduzzjoni tal-forma ta' programm għall-*computer* li jsir taħt dan il-paragrafu ma għandhomx:

(i) jintużaw għal skopijiet li ma jkunux dawk li tinkiseb l-interoperabilità tal-programm għall-*computer* li jkun ġie oriġinat indipendement;

(ii) jingħataw lil persuni oħra ħlief meta dan ikun meħtieġ għall-interoperabilità tal-programm għall-*computer* li jkun ġie oriġinat indipendentement;

(iii) jintużaw għall-iżvilupp, produzzjoni jew *marketing* ta' programm għall-*computer* li jkun sostanzjalment simili fl-espressjoni tiegħu għall-programm oriġinali, jew għal kull att ieħor li jkun jikser id-drittijiet tal-awtur;

(*ċ*) l-għemil ta' xi kopja jew ta' *back-up copy*, it-traduzzjoni, adattament, arranġament u kull

alterazzjoni oħra ta' programm għall-*computer* u r-riproduzzjoni tar-riżultati ta' dan, sakemm dan ikun meħtieġ għall-utent li jkollu liċenza għal dak l-iskop tiegħu intiż, inkluża t-tiswija ta' żbalji, u d-dritt tal-utent li jkollu liċenza għal dak l-iskop li jagħmel *back-up copy* ta' programm għall-*computer* ma jistax ikun ristrett jew eskluż permezz ta' kuntratt sakemm dan ikun meħtieġ għall-użu ta' dak il-programm għall-*computer.*

(3) L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom f'dan l-artikolu għandhom jiġu biss applikati f'dawk il-każijiet partikolari li ma jmorrux kuntrarjumal-esplojtazzjoni normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u li ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detentur ta' drittijiet.

Drittijiet tal-awtur fuq xogħol ta' arkitettura.

**10.** Id-drittijiet tal-awtur fuq xogħol ta' arkitettura għandhom jinkludu wkoll id-dritt esklużiv fuq l-awtorizzazzjoni jew il-prevenzjoni tal-erezzjoni ta' xi bini li jirripproduċi x-xogħol kollu jew parti sostanzjali minnu sew fil-forma tiegħu oriġinali sew f'xi forma li tkun rikonoxxibbilment derivata mill-oriġinal:

Iżda d-drittijiet tal-awtur fuq xi xogħol bħal dak ma għandhomx jinkludu d-dritt fuq l-awtorizzazzjoni jew il-prevenzjoni tar-rikostruzzjoni, fl-istess stil tal-oriġinal, ta' bini li għalih dawk id-drittijiet tal-awtur jirriferixxu jew id-dritt fuq l-awtorizzazzjoni jew il-prevenzjoni tas-self b'renta jew il-kiri ta' bini jew xogħlijiet ta' arti applikata.

L-ewwel proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur.

**11.** (1) Id-drittijiet tal-awtur mogħtija bl-artikoli 4, 5 u 6 ikunu inizjalment tal-awtur jew tal-ko-awturi:

Iżda fil-każ ta' programmi għall-*computers* u *databases* fejn xogħol isir filwaqt li l-awtur ikun impjegat, fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu jew fuq struzzjonijiet li jingħatawlu mill-prinċipal tiegħu, id-drittijiet ekonomiċi mogħtija bid-drittijiet tal-awtur għandhom jitqiesu bħala li jkunu trasferiti għalgħand il-prinċipal tal-awtur, bla ħsara għal kull ftehim bejn il-partijiet li jkun jeskludi jew jillimita trasferiment bħal dak. Għar-rigward ta' xogħlijiet oħra eliġġibbli għad-drittijiet tal-awtur, f'dawk iċ-ċirkostanzi, bla ħsara għal kull ftehim għall-kuntrarju bejn il-partijiet, id-drittijiet tal-awtur għandhom dejjem ikunu fl-awtur jew fil-ko-awturi.

(2) Bla ħsara għall-provvediment tal-aħħar subartikolu qabel dan -

(*a*) l-isem fuq xogħol li hu maħsub li jkun l-isem tal-awtur tiegħu għandu jitqies bħala tali, jekk ma jiġix ippruvat il-kuntrarju;

(*b*) fil-każ ta' xogħol anonimu jew bi psewdonimu, dak li jkun ippubblikah u li ismu jkun jidher fuq ix-xogħol bħala li għandu jitqies li jkun, jekk ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, ir-rappreżentant legali tal-awtur anonimu jew bi psewdonimu u jkollu dritt li jeżerċita u jipproteġi d-drittijiet tal-awtur skont dan l-Att.

## TAQSIMA III

## DRITTIJIET MORALI TAL-AWTURI

L-awtur għandu dritt jipprojbixxi l-mutilar, modifika, tagħwiġ jew tmaqdir ta’ xi xogħol.

**12.** (1) Ebda persuna, inkluż iċ-ċessjonarju ta’ drittijiet tal-awtur jew detentur tal-liċenza bis-saħħa tagħhom, ma tkun tista’ mingħajr il-kunsens tal-awtur, timmutila, timmodifika, tgħawweġ jew tassoġġetta għal xi azzjoni oħra ta’ tmaqdir xi xogħol waqt il-perjodu tiegħu ta’ drittijiet tal-awtur b’mod detrimentali għall-unur jew għar-reputazzjoni tal-awtur.

(2) L-awtur ta’ xi xogħol eliġġibbli għad-drittijiet tal-awtur għandu, sakemm jiskadu dawk id-drittijiet tal-awtur, b’żjieda mad-drittijiet tal-awtur mogħtija għar-rigward ta’ dak ix-xogħol, kif ukoll f’dawk il-każijiet meta d-drittijiet tal-awtur jkunu ġew trasmessi b’ċessjoni jew b’disposizzjoni testamentarja, jgawdi d-dritt morali -

(*a*) li jivvanta li huwa l-awtur oriġinali tax-xogħol tiegħu, b’mod partikolari, tad-dritt li ismu kemm jista’ jkun prattikabbli, jiġi indikat b’mod prominenti fuq il-kopji, u f’dak li jkollu x’jaqsam ma’ xi użu pubbliku ta’ dak ix-xogħol; jew

(*b*) li ismu ma jiġix indikat fuq il-kopji, u f’dak li jkollu x’jaqsam ma’ xi użu pubbliku, tax-xogħol tiegħu, jew li l-psewdonimu tiegħu jiġi hekk indikat:

Iżda matul il-hajja tal-awtur ta’ xi xogħol, dawk id-drittijiet hawn aktar qabel imsemmija ma jkunux jistgħu jiġu trasmessi leġittimament.

(3) Mal-mewt tal-awtur -

(*a*) id-dritt jgħaddi lil dik il-persuna li huwa jista’ permezz ta’ dispozizzjoni testamentarja speċifikament jindika, b’dan illi meta dik il-persuna tmut id-dritt jgħaddi għalgħand is-suċċessur tagħha;

(*b*) jekk ma jkunx hemm indikazzjoni bħal dik iżda d-drittijiet tal-awtur fuq ix-xogħol ikunu jagħmlu parti mill-eredità tiegħu, id-dritt jgħaddi għalgħand il-persuna għand min jgħaddu d-drittijiet tal-awtur;

(*ċ*) jekk jew daqskemm id-dritt ma jgħaddix taħt il-paragrafu (*a*) jew il-paragrafu (*b*) dan ikun eżerċitabbli mill-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

## TAQSIMA IV

## DRITTIJIET VIĊINI

Ix-xorta ta’ drittijiet ta’ artisti.

**13.** Artisti għandu jkollhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-għemil f’Malta ta’ kull wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin;

(*a*) il-fissazzjoni tal-wirjiet tagħhom;

(*b*) ir-riproduzzjoni temporanja jew permanenti, sew diretta sew mhux diretta, b’kull mezz li jkun u f’kull forma, kollha kemm hi jew parti minnha, ta’

fissazzjoni tal-wirjiet tagħhom;

(*ċ*) is-self b'renta u l-kiri tal-wirjiet fissi tagħhom;

(*d*) id-distribuzzjoni tal-wirjiet oriġinali ffissati f'fonogrammi u ta' kopji tagħhom;

(*e*) li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-fissazzjoni tal-wirjiet tagħhom, b'mezzi bil-fil jew mingħajr fili, b'dak il-mod li l-membri tal-pubbliku jistgħu ikollhom aċċess għalihom minn post u ħin li huma jagħżlu individwalment;

(*f*) ix-xandir u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-wirjiet tagħhom, ħlief meta l-wirja tkun fiha nnifisha sa minn qabel wirja li tixxandar jew li ssir minn fissazzjoni.

Perjodu ta' protezzjoni għad-drittijiet ta' artisti.

**14.** Id-drittijiet mogħtija b'dan l-artikolu għandhom idumu għal perjodu ta' ħamsin sena minn tmiem is-sena li fiha l-fissazzjoni tal-wirja tkun ġiet ippubblikata leġittimament għall-ewwel darba jew ikkomunikata lill-pubbliku leġittimament għall-ewwel darba, skont liema tiġi l-aktar kmieni jew fin-nuqqas ta' tali pubblikazzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku minn tmiem is-sena li fiha tkun ġiet ippreżentata għall-ewwel darba.

Ix-xorta ta' drittijiet ta' produtturi. *Emendat: IX. 2009.5.*

**15.** Il-produtturi ta' reġistrazzjonijiet ta' smigħ għandhom, għar-rigward tar-reġistrazzjonijiet ta' smigħ tagħhom, u produtturi tal-ewwel fissazzjonijiet ta' xogħlijiet awdjoviżivi, għar-rigward tal-oriġinal u ta' kopji tax-xogħlijiet awdjoviżivi tagħhom, ikollhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(*a*) ir-riproduzzjoni temporanja jew permanenti, sew diretta sew mhux diretta, b'kull mezz li jkun u f'kull forma, kollha kemm hi jew parti minnha;

(*b*) il-kirja u s-self, ukoll wara d-distribuzzjoni tagħhom, jew bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni, mill-produttur;

(*ċ*) id-distribuzzjoni;

(*d*) li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku b'mezzi bil-fil jew mingħajr fili b'dak il-mod li l-membri tal-pubbliku jistgħu ikollhom aċċess għalihom minn post u ħin li huma jagħżlu individwalment.

Perjodu ta' protezzjoni għad-drittijiet ta' produtturi.

**16.** Id-drittijiet mogħtija b'dan l-artikolu fuq reġistrazzjonijiet tas-smigħ u xogħlijiet awdjoviżivi għandhom idumu għal perjodu ta' ħamsin sena minn tmiem is-sena li fiha r-reġistrazzjonijiet tas-smigħ jew l-ewwel fissazzjoni tax-xogħol awdjoviżiv tkun ġiet ippubblikata legalment jew ikkomunikata lill-pubbliku legalment għall-ewwel darba, skont liema tiġi l-aktar kmieni jew fin-nuqqas ta' tali pubblikazzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku minn tmiem is-sena li fiha tkun saret il-fissazzjoni għall-ewwel darba.

Ix-xorta ta' drittijiet tax-xandara.

**17.** (1) Organizzazzjonijiet tax-xandir għandu jkollhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-għemil f'Malta ta' kull wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin;

(*a*) il-fissazzjoni tax-xandir tagħhom, jew tat-trasmissjonijiet inizjali tagħhom fuq il-*cable;*

(*b*) ir-riproduzzjoni temporanja jew permanenti, sew

diretta sew mhux diretta, b'kull mezz li jkun jew forma, kollha kemm hi jew parti minnha, ta' fissazzjoni tax-xandir tagħhom jew tat-trasmissjonijiet inizjali tagħhom fuq il-*cable* kif indikat fil-paragrafu (*a*) hawn aktar qabel;

(*ċ*) id-distribuzzjoni tal-fissazzjoni tax-xandir tagħhom jew tat-trasmissjonijiet inizjali tagħhom fuq il-*cable* kif indikat fil-paragrafu (*a*) hawn aktar qabel;

(*d*) ix-xandir mill-ġdid tax-xandir tagħhom kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom jekk dik il-komunikazzjoni ssir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku bi ħlas ta' dritt ta' ammissjoni;

(*e*) li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, l-fissazzjonijiet tax-xandir tagħhom jew tat-trasmissjonijiet inizjali tagħhom fuq il-*cable* kif indikat fil-paragrafu (*a*) hawn aktar qabel, b'mezzi bil-fil jew mingħajr fili, b'dak il-mod li l-membri tal-pubbliku jistgħu ikollhom aċċess għalihom minn post u ħin li huma jagħżlu individwalment.

(2) Organizzazzjoni tax-xandir ma jkollhiex id-dritt li hemm ipprovdut fis-subartikolu (1)(*a*) meta din sempliċement terġa' tittrasmetti bil-*cable* ix-xandiriet ta' organizzazzjonijiet tax-xandir.

Perjodu ta' protezzjoni għad-drittijiet ta' xandara.

**18.** Id-drittijiet mogħtija b'dan l-artikolu għandhom idumu għal perjodu ta' ħamsin sena minn tmiem is-sena li fiha x-xandira tkun ġiet trasmessa għall-ewwel darba sew bil-fil sew fl-arja, kemm bil-*cable* kemm bis-satellita.

Rimunerazzjoni għal artisti u produtturi ta' reġistrazzjonijiet tas-smigħ. *Emendat: IX. 2009.6.*

**19.** Meta reġistrazzjoni tas-smigħ pubblikata għal skopijiet kummerċjali jew riproduzzjoni ta' dik ir-reġistrazzjoni tas-smigħ tintuża sew direttament sew mhux direttament għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal xi komunikazzjoni lill-pubbliku, għandha titħallas rimunerazzjoni unika ġusta mill-utent lill-artisti u lill-produtturi tar-reġistrazzjoni tas-smigħ involuta sabiex din tinqasam b'mod indaqs bejniethom. Dak il-ħlas għandu jsir lil *collecting society* li tkun tirrappreżenta sew lill-artisti sew lill-produtturi ta' reġistrazzjonijiet tas-smigħ jew, fin-nuqqas ta' *collecting society* bħal dik, lill-produttur ta' reġistrazzjonijiet tas-smigħ li jkollu l-obbligu li jqassam nofs ir-rimunerazzjoni lill-artisti:

Iżda għall-fini ta' dan l-artikolu, reġistrazzjonijiet ta' smigħ li jkunu saru disponibbli għall-pubbliku b'mezzi bil-fili jew mingħajr fili, b'tali mod li l-membri tal-pubbliku jista' jkollhom aċċess għalihom minn lok u f'ħin li huma jagħżlu individwalment, għandhom jiġu kkunsidrati daqs li kieku dawn ġew ippubblikati għal finijiet kummerċjali.

Meta jintemmu d-drittijiet ta' distribuzzjoni. *Sostitwit: IX. 2003.96.*

**20.** (1) Id-dritt ta' distribuzzjoni għar-rigward ta' kif jiġu ffissati l-wirjiet, reġistrazzjonijiet bil-ħoss, l-oriġinali u l-kopji ta' xogħlijiet awdjoviżiv u kif jiġu ffissati x-xandiriet mogħtija bl-artikoli preċedenti ta' dan l-Att lil esekuturi, produtturi ta' reġistrazzjonijiet bil-ħoss, produtturi tal-ewwel produzzjonijiet ta' xogħlijiet awdjoviżivi u organizzazzjonijiet tax-xandir rispettivament għandhom jintemmu bl-ewwel bejgħ jew

trasferiment tal-proprjetà fis-suq tal-oriġinali jew kopji ta' dawk ix-xogħlijiet għar-rigward ta' dak l-oriġinali jew kopja oriġinali, meta dak il-bejgħ isir mill-proprjetarju tad-dritt viċin jew bil-kunsens tiegħu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "suq" tfisser is-suq f'Malta u mill-1 ta' Mejju 2004 is-suq f'kull Stat Membru ieħor.

Eċċezzjonijiet għal drittijiet viċini. *Sostitwit: IX. 2003.97.*

**21.** Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 9 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw skont ma japplikaw għad-drittijiet viċini mogħtija b'dan l-Att b'dak il-mod bħalma japplikaw għal drittijiet tal-awtur f'xogħol litterarju, mużikali jew artistiku jew awdjoviżiv, jew *database*.

Min jikkwalifika għal protezzjoni taħt drittijiet viċini.

**22.** Drittijiet viċini mogħtija b'din it-Taqsima għandhom japplikaw biss dwar xogħlijiet -

(a) li tagħhom l-artist, il-produttur jew ix-xandar ikunu -

(i) individwu li jkun ċittadin ta' Malta jew ikun domiċiljat jew proprjetarju permanenti f'Malta jew fi Stat fejn dawk ix-xogħlijiet ikunu protetti bi drittijiet viċini taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsiehba fih;

(ii) korp ta' persuni jew soċjetà kummerċjali kostitwita, mwaqqfa, reġistrata u vestita b'personalità ġuridika taħt il-liġijiet ta' Malta jew ta' Stat fejn dawk ix-xogħlijiet huma protetti bi drittijiet viċini taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsiehba fih;

jew

(*b*) li jintgħamlu, jiġu għall-ewwel darba ppubblikati, mxandra jew komunikati lill-pubbliku f'Malta jew fi Stat li fih dawk ix-xogħlijiet ikunu protetti bi drittijiet viċini taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsiehba fih;

jew

(*ċ*) li jintgħamlu minn jew taħt id-direzzjoni jew il-kontroll tal-Gvern ta' Malta kif ukoll ta' dawk il-gvernijiet ta' Stati oħra, korpi internazzjonali jew organizzazzjonijiet inter-governamentali hekk kif jista' jiġi preskritt.

## TAQSIMA V

## DRITTIJIET MORALI TA' ARTISTI

Jiġu identifikati d-drittijiet ta' artisti u jiġu projbiti d-distorsjoni, mutilazzjoni u modifikazzjoni ta' wirjiet.

**23.** (1) Indipendentement mid-drittijiet ekonomiċi tal-artist, kif ukoll wara t-trasferiment ta' dawk id-drittijiet, l-artist għandu sa żmien l-iskadenza tad-drittijiet ekonomiċi, għar-rigward tal-wirjiet tiegħu u tas-smigħ diretti jew ta' wirjiet iffissati fuq fonogrammi, ikollu d-dritt li jitlob li jiġi identifikat bħala l-artist tal-wirjiet tiegħu, ħlief meta minħabba fl-użu li jsir mill-wirjiet dan ikollu jitħalla barra, u li jipprojbixxi kull distorzjoni, mutilazzjoni jew modifikazzjoni oħra tal-wirjiet tiegħu li kieku jkunu ta'

preġudizzju għall-fama tiegħu:

Iżda matul il-ħajja tal-artist ma jkunux jistgħu jiġu trasmessi dawk id-drittijiet morali hawn aktar qabel imsemmija.

(2) Mal-mewt tal-artist -

(*a*) id-dritt jgħaddi għal għand dik il-persuna li hu jista' permezz ta' disposizzjoni testamentarja speċifikament jordna, b'dan illi mal-mewt ta' dik il-persuna d-dritt jgħaddi għal għand is-suċċessur tagħha;

(*b*) jekk ma jkunx hemm ordni bħal dik iżda d-drittijiet tal-awtur fix-xogħol involut ikunu jagħmlu parti mill-eredità tiegħu, id-dritt jgħaddi għal għand il-persuna li għandha jgħaddu d-drittijiet tal-awtur.

## TAQSIMA VI

## TRASFERIMENT TA' DRITTIJIET TAL-AWTUR U TA' DRITTIJIET VIĊINI

Ċesssjonijiet u liċenzi.

**24.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet viċini ikunu trasmessi b'ċessjoni, bis-saħħa tal-Liġi jew b'disposizzjoni testamentarja bħala proprjetà mobbli.

(2) Ċessjoni jew disposizzjoni testamentarja ta' drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet viċini tista' tkun limitata b'mod li tapplika għal parti biss mill-attijiet li l-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet viċini għandu d-dritt esklużiv li jawtorizza jew li jipprevjeni, jew għal parti biss tal-perjodu tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet viċini, jew għal pajjiz speċifikat jew area oħra ġeografika.

(3) Meta awtur għar-rigward tal-oriġinal jew kopja tax-xogħol tiegħu jew artist għar-rigward tal-fissazzjoni tal-wirja tiegħu jassenja d-dritt esklużiv tiegħu biex jawtorizza jew jipprevjeni l-kiri tagħhom lill-produttur tar-reġistrazzjoni bi smigħ jew lill-produttur tax-xogħol awdjoviżiv li jkun fih ix-xogħol tal-awtur jew il-wirja ffissata ta' dak l-artist, dak l-awtur jew dak l-artist għandhom jibqgħu jzommu d-dritt li jiksbu individwalment jew permezz ta' *collecting society* rimunerazzjoni ġusta għall-kiri ta' dik ir-reġistrazzjoni bi smigħ jew oriġinal jew kopja ta' dak ix-xogħol awdjoviżiv mingħand il-produttur involut u dak id-dritt ma jkunx jista' jiġi miċħud. Fin-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rimunerazzjoni li jkollha titħallas taħt dan is-subartikolu, jkun il-Bord li jistabbilixxi kemm għandha tkun dik ir-rimunerazzjoni.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 52, ebda ċessjoni ta' drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet viċini u ebda liċenza biex jintgħamel att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat minn drittijiet tal-awtur jew minn drittijiet viċini ma jkollha effett jekk ma ssirx bi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet:

Iżda meta jiġi konkluż kuntratt bejn artist u produttur ta' xogħlijiet awdjovizjivi għar-rigward tal-produzzjoni ta' xogħol awdjoviżiv, l-artist għandu jitqies bħala li jkun assenja lill-produttur id-drittijiet esklużivi tiegħu fuq il-fissazzjoni tal-wirja

tiegħu, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra, bla ħsara biss għad-dritt li ma jistax jinċaħad tal-artist għal rimunerazzjoni ġusta li titħallas malli jsir il-kuntratt mill-produttur lill-artist jew inkella jekk dan ikun hekk jippreferi lil *collecting society* li tkun tirrappreżentah, liema rimunerazzjoni għandha tiġi stabbilita, fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet, mill-Bord:

Iżda wkoll, meta jiġi konkluż kuntratt bejn awtur ta' xogħol awdjoviżiv jew l-awturi ta' xogħlijiet sottostanti li jintużaw bħala s-sies għax-xogħol awdjoviżiv u l-produttur tax-xogħol awdjoviżiv li jkun jirrigwarda l-produzzjoni ta' dak ix-xogħol awdjoviżiv, dawk l-awturi għandhom jitqiesu bħala li jkunu assenjaw lill-produttur id-drittijiet esklużivi tagħhom fuq ix-xogħlijiet tagħhom li jkollhom drittijiet tal-awtur, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra, bla ħsara biss għad-dritt li ma jistax jinċaħad tal-awturi għal rimunerazzjoni ġusta li titħallas mal-konklużjoni tal-kuntratt mill-produttur lill-awtur individwalment jew inkella jekk l-awtur ikun hekk jixtieq, lil *collecting society* li tkun tirrappreżentah, liema rimunerazzjoni għandha tiġi stabbilita, fin-nuqqas li l-partijiet jiftehmu bejnithom, mill-Bord.

(5) Ċessjoni jew liċenza ta' drittijiet tal-awtur mogħtija minn ko-awtur jew ċessjoni jew liċenza ta' drittijiet viċini mogħtija minn ko-detentur tad-dritt ikollha effett bħallikieku tkun ġiet mogħtija mill-ko-awturi l-ohra jew mill-ko-detenturi tad-drittijiet rispettivament:

Iżda, meta xi ko-awtur ieħor fil-każ ta' drittijiet tal-awtur jew ko-detentur tad-dritt fil-każ ta' drittijiet viċini ma jkunx sodisfatt mill-pattijiet li bihom tkun ġiet mogħtija dik iċ-ċessjoni jew liċenza, huwa jista', fi żmien tliet xhur mill-ġurnata li fiha jkunu ġew komunikati lilu bil-miktub l-imsemmija pattijiet, japplika lill-Bord biex jiddeċiedi dwar il-pattijiet li l-Bord iqis xierqa u raġonevoli.

(6) Ċessjoni, liċenza jew disposizzjoni testamentarja tista' b'mod effettiv tiġi mogħtija jew tiġi magħmula dwar xogħol futur jew xogħol eżistenti li fuqu ma jkunux għadhom jeżistu d-drittijiet tal-awtur jew drittijiet viċini, u d-drittijiet tal-awtur prospettivi jew id-drittijiet viċini prospettivi fuq xi xogħol tali jkunu trasmissibbli bħala proprjetà mobbli:

Iżda fil-każ ta' drittijiet tal-awtur dik iċ-ċessjoni jew liċenza ma għandhiex titqies li tinkludi drittijiet tal-awtur li skont l-artikolu 11(1) ikunu ta' min jimpjega l-awtur, jekk il-partijiet ma jinkluduhomx espressament.

(7) Dispożizzjoni testamentarja tal-materjal li fuqu xogħol ikun inkiteb għall-ewwel darba jew ġie xort'ohra reġistrat għandha, kemm-il darba t-testatur ma jkunx ipprovda xort'oħra, titqies li tinkludi kull drittijiet tal-awtur jew drittijiet viċini jew drittijiet tal-awtur prospettivi jew drittijiet viċini prospettivi fuq ix-xogħol li jkunu tal-mejjet.

## TAQSIMA VII

## DRITT *SUI GENERIS* DWAR *DATABASES*

Xorta ta' dritt *sui generis* dwar *databases*.

**25.** Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 7, l-oriġinarju ta' *database* li jista' juri li kien hemm, sew fil-kwalità sew fil-kwantità, investiment sostanzjali jew fil-ksib, verifika jew preżentazzjoni tal-kontenut tad-*database* ikollu, irrispettivament mill-eliġibilità ta' dik id-*database* jew tal-kontenut tagħha għall-protezzjoni bid-drittijiet tal-awtur jew bi drittijiet oħra, id-dritt li jawtorizza jew jipprojbixxi atti ta' estrazzjoni jew utilizzazzjoni mill-ġdid tal-kontenut tagħha, kemm kollu kemm hu kemm f'parti sostanzjali minnu, valutat sew fil-kwalità sew fil-kwantità.

Eċċezzjonijiet għad-dritt *sui generis* dwar *databases*.

**26.** (1) L-oriġinarju ta' *database* li tintgħamel disponibbli għall-pubbliku b'liema mod ikun ma jistax jipprevjeni utent tad-*database* li jkollu liċenza milli jeffettwa estrazzjoni jew utilizzazzjoni mill-ġdid ta' partijiet mhux sostanzjali tal-kontenut tagħha, valutat sew fil-kwalità sew fil-kwantità, għal liema skop ikun, sakemm l-utent li jkollu liċenza ma jwettaqx atti li jkunu jikkonfliġġumal-esplojtazzjoni normali tad-*database* jew jippreġudikaw b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tal-oriġinarju tad-*database* jew b'kull mod li jkun jikkawżaw preġudizzju għad-detentur tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet viċini għar-rigward ta' xogħlijiet jew is-suġġett kontenut fid-*database* u kull provvediment kontrattwali li jmur kontra dan il-proviso jkun null u bla ebda effett:

Iżda l-estrazzjoni u l-utilizzazzjoni mill-ġdid ripetuti u sistematiċi ta' partijiet mhux sostanzjali tal-kontenut tad-*database* li jkunu jimplikaw attijiet li jikkonfliġġu ma' esplojtazzjoni normali ta' dik id-*database* jew li jippreġudikaw b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tal-oriġinarju tad-*database*, ma jkunux permessi.

(2) Minkejja l-artikolu 25, utent li jkollu liċenza jista', mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-oriġinarju tad-*database* li tkun disponibbli għall-pubbliku b'liema mod ikun, jeffettwa estrazzjoni jew utulizzazzjoni mill-ġdid ta' parti sostanzjali mill-kontenut tagħha għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) l-estrazzjoni għal użu privat fil-każ ta' *database* mhux elettroniku;

(*b*) l-estrazzjoni bil-għan ta' illustrazzjoni fit-tagħlim jew fir-riċerka xjentifika sal-limitu ġustifikat bl-għan mhux kummerċjali li għandu jinkiseb sakemm tiġi indikata l-oriġni;

(*ċ*) l-estrazzjoni jew l-utilizzazzjoni mill-ġdid għall-għanijiet ta' sigurtà pubblika jew ta' xi proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja.

Perjodu ta' protezzjoni għad-dritt *sui generis* dwar *databases*.

**27.** Id-dritt li hemm provdut dwaru fl-artikolu 25 jintemm wara ħmistax il-sena mill-ewwel ta' Jannar tas-sena li tiġi wara d-data tat-tmiem tal-oriġinar tad-*database* jew, jekk dan jitqiegħed disponibbli għall-pubbliku b'liema mod ikun qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, dak id-dritt għandu jintemm wara l-iskadenza ta'

ħmistax il-sena mill- ewwel ta’ Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara d-data meta d-*database* kienet saret għall-ewwel darba disponibbli għall-pubbliku:

Iżda kull bidla sostanzjali, valutata sew fil-kwalità sew fil-kwantità, fil-kontenut ta’ *database*, inkluża kull bidla sostanzjali li tirriżulta mill-ġabra sħiħa ta’ żjidiet, taħsiriet jew bidliet li jsiru wara, li kieku jirriżultaw fid-*database* li jitqies bħala investiment sostanzjalment ġdid, valutat fil-kwalità u fil-kwantità, għandhom jagħtu lok għall-oriġinar ta’ *database* ġdida li minn dak il-waqt ikollha jedd għall-perjodu ta’ protezzjoni tagħha nnifisha li jkun ta’ ħmistax il-sena.

Assenjament ta’ liċenzi.

**28.** Dak id-dritt li jista’ jiġi assenjat jew konċess taħt liċenza kontrattwali bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull dritt li jeżisti dwar il-kontenut tad-*database*.

Kwalifika għal protezzjoni għad-dritt *sui generis* dwar *databases.*

**29.** Id-dritt mogħti b’dan l-artikolu għandu jkun japplika biss għal *database* -

(*a*) li l-oriġinarju tiegħu jew id-detentur tad-dritt tiegħu ikun filwaqt li tintgħamel id-*database* -

(i) individwu li jkun ċittadin ta’ Malta, jew li jkun domiċiljat jew permanentement residenti f’Malta jew fi Stat li fih dritt *sui generis* dwar *database*s bħal dak ikun protett taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsiehba fih;

(ii) korp ta’ persuni jew soċjetà kummerċjali kostitwita, mwaqqfa, reġistrata u vestita b’personalità ġuridika taħt il-liġijiet ta’ Malta jew ta’ xi Stat li fih dritt *sui generis* dwar *database*s bħal dak ikun protett taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsiehba fih;

jew

(*b*) li tintgħamel jew li ssir għall-ewwel darba disponibbli għall-pubbliku f’Malta jew fi Stat li fih dritt *sui generis* dwar *database*s bħal dak ikun protett taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsiehba fih;

jew

(*ċ*) li tintgħamel minn, jew taħt id-direzzjoni jew kontroll tal-Gvern ta’ Malta kif ukoll ta’ dawk il-gvernijiet ta’ Stati oħra, korpi internazzjonali jew organizzazzjonijiet inter-governamentali oħra hekk kif jista’ jiġi preskritt.

Tifsira ta’ estrazzjoni u ta’ utilizzazzjoni mill-ġdid.

**30.** (1) Għall-għanijiet ta’ din it-Taqsima "estrazzjoni" tfisser it-trasferiment permanenti jew temporanju tal-kontenut kollu ta’ *database* jew ta’ parti sostanzjali minnu għal *medium* ieħor b’kull mezz jew forma li jkunu filwaqt li "użu mill-ġdid" tfisser kull għamla li tagħmel disponibbli mill-ġdid lill-pubbliku il-kontenut ta’ *database* kollu jew ta’ parti sostanzjali minnu bid-distribuzzjoni ta’ kopji, b’kirjiet, permezz ta’ trasmissjonijiet *on-line* jew għamliet oħra ta’ trasmissjoni;

(2) Iżda s-self pubbliku ma għandux jitqies li jkun att ta’

estrazzjoni jew ta' użu mill-ġdid.

Eżawriment ta' dritt ta' bejgħ mill-ġdid.

**31.** L-ewwel bejgħ f'Malta, ta' kopja ta' *database* middetentur ta' dritt jew bil-kunsens tiegħu għandu jeżawrixxi l-jedd għall-kontroll tal-bejgħ mill-ġdid ta' dik il-kopja.

TAQSIMA VIII

DRITT *SUI GENERIS* DWAR TOPOGRAFIJI TA' PRODOTTI MINN SEMIKONDUTTUR

Xorta ta' dritt *sui generis* dwar topografija ta' prodotti minn semikonduttur.

**32.** L-oriġinarji ta' topografiji ta' prodotti minn semikonduttur u s-suċċessuri tagħhom fit-titolu għandu jkollhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprevjenu f'Malta r-riproduzzjoni tattopografija u l-esplojtazzjoni kummerċjali jew l-importazzjoni għall-iskop ta' esplojtazzjoni kummerċjali tat-topografija jew ta' prodott minn semikonduttur manifatturat bl-użu tat-topografija.

Eċċezzjonijiet għad-dritt dwar topografija.

**33.** Id-dritt mogħti bl-artikolu 32 ma għandux jipprevjeni;

(*a*) ir-riproduzzjoni privata ta' topografija bi skopijiet li mhumiex kummerċjali;

(*b*) ir-riproduzzjoni għall-iskop li jiġi analizzat, valutat jew għat-tagħlim tal-kunċetti, proċessi, sistemi jew teknikalitajiet inkorporati fit-topografija jew ittopografija nnifisha;

(*ċ*) xi att għar-rigward ta' topografija li tkun skont ilħtiġiet tal-artikolu 35 u oriġinata fuq il-bażi ta' analiżi u valutazzjoni ta' xi topografija oħra, li ssir b'mod konformi mal-paragrafu (*b*).

Eżawriment għad-dritt dwar topografija.

**34.** Meta topografija jew il-prodott minn semikonduttur ikunu tqiegħdu fis-suq f'Malta, minn detentur ta' dritt jew bil-kunsens tiegħu, id-dritt esklużiv li tiġi awtorizzata jew prevjenuta l-esplojtazzjoni kummerċjali jew l-importazzjoni ta' dik ittopografija jew ta' dak il-prodott ta' semikonduttur għandu jiġi eżawrit.

Applikazzjoni tad-dritt dwar topografija biss dwar l-isforz intellettwali tal-proprjetarju nnifsu.

**35.** Id-dritt mogħti bl-artikolu 32 għandu japplika biss għarrigward ta' topografiji ta' prodotti minn semikonduttur li jkunu rriżultat tal-isforz intellettwali tal-oriġinarju nnifsu u ma jkunux xi ħaġa komuni fl-industrija tas-semikondutturi iżda ma għandhomx jestendu għal xi kunċett, proċess, sistema, teknika jew tagħrif flgħamla ta' *code* li jkun inkorporat fit-topografija:

Iżda meta t-topografija ta' prodotti minn semikonduttur tkun tikkonsisti f'elementi li jkunu ħwejjeġ komuni fl-industrija tas-semikondutturi, din għandha tkun protetta biss sal-limitu li l-kombinazzjoni ta' dawk l-elementi, meħuda flimkien, tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet hawn aktar qabel imsemmija.

Kwalifika għal protezzjoni għad-dritt dwar topografija.

**36.** Id-dritt mogħti bl-artikolu 32 għandu jkun japplika favur oriġinarju jew is-suċċessur tiegħu fit-titolu li jkun individwu li jkun ċittadin ta', jew li jkun domiċiljat jew residenti permanenti f'Malta jew fi Stat li fih dritt *sui generis* bħalma hu dak mogħti bl-artikolu 32 dwar topografiji ta' prodotti minn semikonduttur ikun protett taħt xi ftehim internazzjonali li Malta tkun imsiehba wkoll fih.

Topografija oriġinati matul l-impieg ta' persuna.

**37.** Meta topografija tinħoloq matul l-impieg tal-oriġinarju, fit-twettiq ta' dmirijietu jew fuq istruzzjonijiet li jingħatawlu mill-prinċipal tiegħu, id-dritt esklużiv mogħti bl-artikolu 32 għandu jitqies li jkun trasferit lill-prinċipal tal-oriġinarju jew lis-suċċessur tiegħu fit-titolu, bla ħsara għal kull ftehim bejn il-partijiet li jkun jeskludi jew jillimita dak it-trasferiment:

Iżda l-prinċipal tal-oriġinarju jew is-suċċessur tiegħu fit-titolu għandhom ukoll jissodisfaw il-kriterji tal-artikolu 36 jew ikun korp ta' persuni jew soċjetà kummerċjali kostitwita, mwaqqfa, reġistrata u vestita b'personalità ġuridika taħt il-liġijiet ta' Malta jew ta' Stat li fih dritt *sui generis* bħal dak bħalma hu mogħti bl-artikolu 32 dwar topografiji ta' prodotti minn semikonduttur, ikun protett taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsiehba fih.

Meta ma jkunx jeżisti dritt għall-protezzjoni.

**38.** Meta ebda dritt għall-protezzjoni bħalma hu mogħti bl-artikolu 32 ma jkun jeżisti favur oriġinarju jew il-prinċipal tiegħu skont l-artikoli 36 u 37, id-dritt għandu jkun japplika favur il-persuna jew is-suċċessur tagħha fit-titolu li, filwaqt li tissodisfa xi waħda mill-kondizzjonijiet imsemmija fil-proviso għall-artikolu 37, tkun l-ewwel li kummerċjalment tesplojta f'Malta, jew fi Stat li fih dritt *sui generis* bħal dak bħalma hu mogħti bl-artikolu 32 dwar topografiji ta' prodotti minn semikonduttur ikun protett taħt ftehim internazzjonali li Malta tkun ukoll imsiehba fih, topografija li tkun għadha ma gietx esplojtata kummerċjalment imkien ieħor fid-dinja u tkun ġiet esklużivament awtorizzata li tesplojta kummerċjalment it-topografija fil-firxa ta' dak it-territorju mill-persuna li jkollha jedd li tiddisponi minnha.

Assenjament ta' liċenzi.

**39.** Id-dritt mogħti bl-artikolu 32 jista' jiġi assenjat jew mogħti taħt liċenza kontrattwali bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 24.

Perjodu ta' protezzjoni għal dritt dwar topografija.

**40.** Id-dritt mogħti bl-artikolu 32 għandu jibqa' jeżisti għal għaxar snin minn tmiem is-sena li fiha t-topografija ta' prodott minn semikonduttur tkun ġiet esplojtata kummerċjalment għall-ewwel darba x'imkien fid-dinja jew għal ħmistax il-sena mill-ewwel fissazzjoni jew għemil bil-*code* tat-topografija ta' prodott minn semikonduttur jekk din ma tkunx ġiet esplojtata kummerċjalment:

Iżda fil-każ meta l-perjodu ta' protezzjoni jibda għaddej mid-data tal-ewwel esplojtazzjoni kummerċjali fid-dinja pjuttost milli minn l-ewwel fissazzjoni jew għemil bil-*code* tat-topografija, r-rimedji legali pprovdut dwarhom bl-artikolu 43(1) għandhom ukoll ikunu disponibbli favur detentur ta' dritt li jista' jġib prova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut ikun bi frodi rriproduċa jew esplojta kummerċjalment jew importa għal dak l-għan topografija ta' prodott minn semikonduttur ukoll jekk dawk l-attijiet kienu ġraw qabel il-bidu tal-perjodu ta' protezzjoni u tal-eżistenza tad-dritt mogħti bl-artikolu 32.

Dritt għal rimunerazzjoni.

**41.** Minkejja l-artikolu 32 u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 42, persuna jew is-suċċessur tagħha fit-titolu li tikseb prodott ta' semikonduttur ma għandhiex tkun prevjenuta milli tesplojta kummerċjalment lil dak il-prodott jekk filwaqt tal-ksib tiegħu hija ma kienetx taf u ma setgħetx raġonevolment tkun mistennija li tkun

taf li kien hemm jeżisti f'dak ix-xogħol dritt *sui generis* bħalma hu mogħti bl-artikolu 32:

Iżda, fuq istanza tad-detentur tad-dritt jew tas-suċċesuri tiegħu fit-titolu, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, għandha tordna lil dik il-persuna li tħallas kumpens xieraq lill-attur għar-rigward tal-attijiet li huwa jkun għamel wara li jkun sar jaf jew kellu tassew għaliex jaħseb li l-prodott ta' semikonduttur ikun protett minn dritt *sui generis* bħal dak.

TAQSIMA IX

KONTRAVVENZJONIJIET

Attijiet li jikkontravjenu. *Sostitwit: IX. 2003.98.*

**42.** (1) Ikun hemm kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini u drittijiet *sui generis* meta:

(*a*) persuna tagħmel jew iġġiegħel lil xi persuna oħra tagħmel, mingħajr liċenza mingħand il-proprjetarju jew id-detentur tagħha, xi att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat bid-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċin jew drittijiet *sui generis*;

(*b*) persuna li, mingħajr ma jkollha l-liċenza tal-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' dritt, jimporta ġewwa Malta xort'oħra milli għal xi użu privat u domestiku, jew jiddistribwixxi f'Malta b'mod kummerċjali, ta' kiri jew xort'oħra jew permezz ta' esibiti kummerċjali fil-pubbliku jew ikollu fil-pussess tiegħu jew jimmanifattura filwaqt li jkun qed jikkummerċa jew joffri jew jesponi għall-bejgħ jew jikri xi artikolu li dwaru jkun hemm kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew *sui generis* taħt il-paragrafu preċedenti;

(*ċ*) persuna li, mingħajr il-liċenza tal-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur jew tad-detentur ta' drittijiet tagħmel xi ħaġa li tqarraq b'miżuri teknoloġiċi effettivi, li l-persuna in kwistjoni tagħmel xjentement, jew ikun hemm tassew għaliex jidher li tkun xjenti, li hija tkun qed tfittex li tikseb dak l-għan;

(*d*) persuna li, mingħajr il-liċenza tal-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur jew tad-detentur ta' drittijiet timmanifattura, timporta, tiddistribwixxi, tbiegħ, tikri, tirreklama għall-bejgħ jew għall-kiri, jew ikollha għal għanijiet kummerċjali, apparat, prodotti jew komponenti li:

(i) jkollhom il-fini ta' ingann, jew

(ii) jkollhom biss fini jew użu sinifikattiv kummerċjalment limitat li ma jkunx dak ta' ingann, jew

(iii) ikunu primarjament ddisinjati, prodotti, adatti jew esegwiti bil-għan li jkun jista' jsir jew jiġi faċilitat l-ingann, ta' xi miżuri teknoloġiċi effettivi;

(*e*) persuna li, mingħajr ma jkollha l-liċenza ta' proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' drittijiet tipprovdi, tippromwovi, tirreklama jew toffri fis-suq xi servizz li jkollu l-fini ta' ingann f'miżuri teknoloġiċi effettivi;

(*f*) persuna li, mingħajr il-liċenza tal-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' dritt, xjentement jagħmel xi att minn dawn li ġejjin:

(i) it-tneħħija jew it-tibdil ta' xi informazzjoni elettronika ta' amministrazzjoni ta' drittijiet;

(ii) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, komunikazzjoni jew li jintgħamlu disponibbli għall-pubbliku xogħlijiet jew suġġetti oħra protetti taħt dan l-Att li minnhom tkun tneħħiet jew inbidlet mingħajr ebda awtorità informazzjoni elettronika ta' amministrazzjoni ta' drittijiet,

jekk dik il-persuna tkun taf, jew ikollha tassew għaliex tkun taf, li b'dak l-għemil ikun qed iġiegħel, jagħti s-setgħa, jiffaċilita jew jaħbi xi kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur jew xi dritt viċin, jew tad-drittijiet *sui generis* provduti b'dan l-Att:

Iżda kull oġġett minn dawk ta' informazzjoni ta' amministrazzjoni ta' drittijiet elettronika għandu jkun:

(i) assoċjat ma' kopja ta' xogħol bi drittijiet tal-awtur taħt il-pattijiet ta' dan l-Att, jew

(ii) jidher f'konnessjoni mal-komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol bi drittijiet tal-awtur taħt il-pattijiet ta' dan l-Att, jew

(iii) kopert bi dritt *sui generis* taħt il-pattijiet ta' dan l-Att.

(2) (*a*) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(*ċ*), (*d*) u (*e*), meta l-applikazzjoni ta' xi miżura teknoloġika effettiva għal xogħol bi drittijiet tal-awtur jipprevjeni lil xi benefiċjarju ta' xi eċċezzjoni li hemm provdut dwarha fl-artikolu 9(1)(*b*), (*ċ*), (*d*), (*e*), (*f*), (*i*), (*l*) jew (*h*) jibbenifikaw minn dik l-eċċezzjoni, id-detentur ta' drittijiet għandu jagħmel disponibbli lill-benefiċjarju l-mezzi ta' kif ikun jista' jibbenefika minn dik l-eċċezzjoni, daqstant kemm ikun meħtieġ li jibbenefika minn dik l-eċċezzjoni jew limitazzjoni:

Iżda wkoll il-benefiċjarju għandu jkollu aċċess legali għax-xogħol protett jew għas-suġġett in kwistjoni:

Iżda wkoll meta ma jkun hemm ebda miżura volontarja li tittieħed mid-detentur ta' drittijiet jew persuna esklużiva li jkollha liċenza jew ftehim bejn id-detentur ta' drittijiet u l-parti l-oħra in kwistjoni, bil-fini relattiva li l-benefiċjarju (jew il-persuni ta' xi klassi li l-benefiċjarju jkun jappartjeni għaliha) jkun

jista' jibbenefika mill-eċċezzjonijiet speċifikati fil-paragrafu ta' hawn qabel.

(*b*) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2)(*a*) ma japplikawx għal xogħlijiet bi drittijiet tal-awtur magħmulin disponibbli ill-pubbliku fuq pattijiet kontrattwali miftiehma b'tali mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin li kull wieħed jagħżel individwalment għalih.

Responsabbiltà għal kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini u drittijiet *sui generis.*

**43.** (1) Meta xi ħadd jikser id-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet *sui generis* fuq xi xogħol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' drittijiet, jiġi kundannat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla għall-ħlas tad-danni jew għall-ħlas ta' penali li tiġi stabbilita skont skala ta' multi li tiġi preskritta mill-Ministru, kif dik il-Qorti, wara li tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, jidhrilha xieraq, u għar-restituzzjoni tal-qligħ kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet *sui generis:*

Iżda meta l-konvenut iġib prova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li fiż-żmien tal-kontravvenzjoni ma kienx jaf u ma setgħax ikun raġonevolment mistenni li jkun jaf li kienu jeżistu drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet *sui generis* fuq ix-xogħol li għalih l-azzjoni tirriferixxi, il-Qorti ma għandhiex tikkundannah għar-restituzzjoni tal-qligħ.

(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' f'azzjoni għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet viċini jew drittijiet *sui generis* filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi kollha u b'mod partikolari l-flagranza tal-kontravvenzjoni u kull benefiċċju li jmur favur il-konvenut minħabba fil-kontravvenzjoni, tagħti dawk id-danni addizzjonali skont ma l-każ partikolari jista' jkun ġustament jeħtieġ.

(3) Il-Qorti tista', barra minn dan, f'kawża istitwita skont dan is-subartikolu, fuq rikors tal-attur, tordna li l-oġġetti kollha kontravvenjenti li jkunu għadhom fil-pussess tal-konvenut jiġu konsenjati lill-attur.

(4) F'kawża dwar kontravvenzjoni ta' drittijiet tal-awtur relattivi għall-kostruzzjoni ta' bini, ebda mandat ta' inibizzjoni jew ordni ieħor ma għandu jsir:

(*a*) wara li l-kostruzzjoni ta' bini jkun inbeda, sabiex jimpedih milli jiġi kompletat, jew

(*b*) sabiex jordna li l-bini, safejn ikun gie kostruwit, jiġi mwaqqa'.

Responsabbiltà għal kontravvenzjoni ta' drittijiet morali.

**44.** (1) Salvi d-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, kull min jikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12(1) jista' fuq istanza tal-awtur jew tal-werrieta tiegħu jiġi kundannat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ħlas ta' penali, bħala u għal danni li jiġu stabbiliti skont skala ta' multi li jiġu preskritti mill-Ministru.

(2) Fi proċedimenti taħt l-aħħar subartikolu qabel dan il-Qorti għandha tordna l-qirda tal-oġġetti kollha kontravvenjenti li jkunu għadhom fil-pussess tal-konvenut meta tkun sodisfatta illi l-preġudizzju kaġunat lill-awtur jkun hekk serju li jiġġustifika dik il-

miżura.

(3) Id-disposizzjoni tal-aħħar subartikolu qabel dan ma għandhiex tapplika meta l-oġġett kontravvenjenti jkun bini.

(4) Kull min jikser id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12(1) u (2) u l-artikolu 23(1) jista’ jiġi kkundannat, fuq istanza tal-awtur jew tal-persuna fiżika, jew tal-enti legali, li lilhom ikun ġie trasmess id-dritt li jwettqu dawk id-drittijiet morali msemmija taħt il-proviso tal-artikolu 11(2), mill-Qorti Ċivili, Prim’Awla għall-ħlas ta’ penali, u għal dawk id-danni li jiġu deċiżi skont skala ta’ penali li jiġu preskritti mill-Ministru.

## TAQSIMA X

## IL-BORD DWAR ID-DRITTIJIET TAL-AWTUR

Ħatra tal-Bord.

**45.** (1) Il-Ministru għandu b’avviż fil-Gazzetta tal-Gvern jinnomina Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur, li jikkonsisti minn *Chairman* u żewġ membri oħra sabiex jaqdi l-funzjonijiet mogħtija lil dak il-Bord bid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att.

(2) Iċ-*Chairman* tal-imsemmi Bord ikun Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew persuna li tkun eżerċitat bħala avukat f’Malta għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw fit-total għal, mhux anqas minn seba’ snin.

(3) Il-Ministru għandu jinnomina wkoll żewġ persuni oħra biex jaġixxu bħala membri tal-Bord, wieħed biex jissostitwixxi liċ-*Chairman* u l-ieħor biex jissostitwixxi lil xi wieħed miż-żewġ membri l-oħra, kull meta ċ-*Chairman* jew xi wieħed mill-membri l-oħra, skont il-każ, ikun, għal xi raġuni, inkapaċi li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu.

(4) Kull membru tal-Bord għandu jibqa’ fil-kariga sakemm jogħġob lill-Ministru u l-Ministru jista’, mingħajr ma jagħti ebda raġuni, iħassar in-nomina ta’ kull membru u jinnomina membru ġdid meta jidhirlu li jkun hekk meħtieġ.

(5) Il-membri tal-Bord, bl-eċċezzjoni taċ-*Chairman*, jekk ikun Maġistrat, għandhom, qabel ma jidħlu fil-kariga tagħhom, jieħdu quddiem l-Avukat Ġenerali l-ġurament li jeżaminaw u jiddeċiedu kull ħaġa li tiġi quddiemhom b’ekwità u imparzjalità.

Astensjoni u rikuża.

**46.** Iċ-*Chairman* jew kull membru ieħor tal-Bord jista’ jastjeni jew jista’ jiġi rikużat minn kull wieħed mill-partijiet kontendenti għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kull kwistjoni li tirrigwarda xi raġuni ta’ astensjoni jew rikuża u kull kwistjoni li tkun kwistjoni ta’ liġi biss għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman* tal-Bord. Kap. 12.

Setgħa ta’ taħrik.

**47.** Il-Bord ikollu s-setgħa li jħarrek kull persuna biex tixhed jew biex tipproduċi kotba jew dokumenti oħra quddiemu, u ċ-*Chairman* tal-Bord ikollu, relattivament għat-taħrik u eżami ta’ xhieda quddiem il-Bord, l-istess setgħat kif mogħtija bil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili. Kap. 12.

Proċedimenti.

**48.** (1) Il-proċedimenti tal-Bord għandhom isiru fil-pubbliku u d-deċiżjoni tal-Bord għandha tiġi notifikata lill-partijiet bil-posta

reġistrata fl-indirizz tan-negozju jew privat rispettiv tagħhom u, jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju, dik id-deċiżjoni għandha titqies li tkun ġiet notifikata lill-parti interessata mhux aktar tard mit-tielet ġurnata li taħbat wara l-ġurnata meta ġiet impustata lil dik il-parti.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jirregolaw il-proċedimenti quddiem il-Bord u jista', mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, jagħmel regolamenti -

(*a*) li jippreskrivu l-mod li fih kull ħaġa tista' tintbgħat quddiem il-Bord;

(*b*) li jippreskrivu l-proċedura li għandha tiġi adottata mill-Bord meta jittratta xi ħaġa mibgħuta lilu skont dan l-Att u r-*records* li għandhom jinżammu mill-Bord;

(*ċ*) li jippreskrivu l-mod li bih il-Bord għandu jiġi msejjaħ u l-post fejn il-Bord għandu jżomm is-seduti tiegħu;

(*d*) li jippreskrivu skala ta' multi, spejjeż u drittijiet; u

(*e*) b'mod ġenerali għat-tmexxija aħjar tal-funzjonijiet mogħtija lill-Bord b'dan l-Att.

Dritt ta' appell. *Emendat: VI. 2001.34.*

**49.** (1) Ikun hemm dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet kollha tal-Bord.

(2) Kull appell għandu jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell magħmul bil-mod kif hemm provdut fl-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'rikors fi żmien ħmistax il-jum min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord.

Kap. 12.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw l-appelli quddiem il-Qorti tal-Appell skont dan l-Att, u li jippreskrivu skala ta' spejjeż u drittijiet dwar dawk l-appelli.

Spejjeż u drittijiet.

**50.** L-ispejjeż u d-drittijiet dwar proċeduri quddiem il-Bord u quddiem il-Qorti tal-Appell għandhom jitħallsu mill-partijiet b'dak il-mod kif l-imsemmi Bord jew Qorti, skont il-każ, jiddeċiedi.

Rifjut jew pattijiet mhux raġonevoli dwar ritrasmissjoni jew xandir mill-ġdid bil-*cable.*

**51.** (1) F'kull każ meta jidher lill-Bord li *collecting society* jew proprjetarju ta' drittijiet tal-awtur jew drittijiet viċini -

(*a*) ikun qiegħed jiċħad mingħajr raġuni li jagħti liċenza dwar ir-ritrasmissjoni jew xandir mill-ġdid bil-*cable*, jew

(*b*) ikun qiegħed jimponi pattijiet jew kondizzjonijiet mhux raġonevoli għall-għoti ta' dik il-liċenza,

il-Bord jista' jordna li, relattivament għall-għemil ta' xi att li jirriferixxi għal xi xogħol li fih il-*collecting society* jew il-proprjetarju, skont il-każ, ikun interessat, liċenza għandha titqies li tkun ġiet mogħtija mill-*collecting society* jew mill-proprjetarju fil-waqt li jkun sar l-att, kemm-il darba d-drittijiet xierqa stabbiliti minn dak il-Bord ikunu tħallsu jew ġew offruti qabel ma jgħaddi dak il-perjodu jew dawk il-perjodi li l-Bord jista' jiddeċiedi dwarhom.

(2) Il-Ministru jista' b'regolamenti jordna li d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ minn data li tiġi msemmija f'ordni bħal dik.

## TAQSIMA XI

## AMMINISTRAZZJONI KOLLETTIVA TA' DRITTIJIET

**52.** Awturi u sidien oħra tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet viċini jistgħu jawtorizzaw *collecting society* tamministralhom id-drittijiet ekonomiċi tagħhom.

Awtorizzazzjoni lill-*collecting societies.*

**53.** *Mħassar bl-Att IX. 2003.99.*

Twaqqif u inkorporazzjoni ta' *collecting societies*.

**54.** *Mħassar bl-Att IX. 2003.99.*

Ħidmiet ta' *collectign societies.*

**55.** *Mħassar bl-Att IX. 2003.99.*

Metodi ta' tħaddim ta' *collecting societies.*

**56.** *Mħassar bl-Att IX. 2003.99.*

Obbligazzjonijiet ta' utenti ta' xogħlijiet lejn *collecting societies.*

**57.** *Mħassar bl-Att IX. 2003.99.*

Sorveljar ta' *collecting societies.*

**58.** *Mħassar bl-Att IX. 2003.99.*

Xoljiment ta' *collecting societies.*

## TAQSIMA XII

## REGOLAMENTI

**59.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dawk hawn qabel imsemmi, jista' b'dawk ir-regolamenti:

Setgħa li jsiru regolamenti. *Sostitwit: IX. 2003.100.*

(*a*) jordna kull ħaġa li tista' tiġi ordnata taħt dan l-Att;

(*b*) jintroduċi bidliet sabiex jestendi l-protezzjoni mogħtija b'dan l-Att lil kull forma oħra ta' proprjetà intellettwali li ma tkunx xort'oħra protetta b'dan l-Att skont ma jista' jiġi provdut b'istrument internazzjonali li jkun jobbliga lil Malta;

(*ċ*) jibdel u jerġa' jdaħħal fis-seħħ iż-żmien tal-protezzjoni skont ma jista' jiġi provdut f'istrument internazzjonali li jkun jobbliga lil Malta;

(*d*) jibdel id-drittijiet u limitazzjonijiet tagħhom skont ma jista' jiġi provdut f'istrument internazzjonali li jkun jobbliga lil Malta;

(*e*) jippreskrivi x'ikunu l-funzjonijiet tal-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur;

(*f*) jipprovdi dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' *collecting societies*, partikolarment dwar it-twaqqif tagħhom, ħidmiet, mod ta' operazzjoni, għemil u approvazzjoni ta' drittijiet u s-superviżjoni tagħhom.

TAQSIMA XIII

PROVVEDIMENTI TRANSITORJI

Applikazzjoni għal xogħlijiet.

**60.** (1) Dan l-Att japplika:

(*a*) relattivament għal xogħlijiet magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att; u

(*b*) salvi d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), għal xogħlijiet magħmula qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att meta l-perjodu ta' protezzjoni ma jkunx, mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, skeda taħt l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, imħassar b'dan l-Att.

(2) (*a*) Id-drittijiet ta' artisti għar-rigward tal-fissazzjoni tal-wirja tagħhom fuq fonogram biex jipprevjenu il-fissazzjoni tal-wirja mhux fissata tagħhom li tkun saret qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u r-riproduzzjoni ta' dik il-fissazzjoni meta din tkun saret mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom u d-drittijiet ta' artisti biex jipprevjenu x-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-wirja tagħhom filwaqt li tkun qegħda ssir meta din issir mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħhom għandhom ikunu protetti taħt dan l-Att sa tmiem perijodu ta' ħamsin sena li jibda għaddej minn tmiem is-sena kalendarja li fiha tkun saret il-wirja. B'dan li dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati permess ta' *collecting society.*

(*b*) Id-dritt ta' produtturi ta' reġistrazzjonijiet bil-ħoss li jsiru qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att biex tiġi awtorizzata jew ipprojbita l-kirja ta' dawk ir-reġistrazzjonijiet bil-ħoss għandu jkun protett taħt dan l-Att għal żmien ta' ħamsin sena li jibdew għaddejin minn tmiem is-sena kalendarja li fiha tkun saret ir-reġistrazzjoni bil-ħoss. B'dan li dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati permess ta' *collecting society.*

(*ċ*) Id-detentur ta' dritt tad-drittijiet tal-awtur għar-rigward ta' xogħol letterarju li jkun jikkonsisti fi programm tal-*computer* biex jawtorizza jew jipprojbixxi il-kiri ta' dak il-programm għandu jkun protett sa tmiem perijodu ta' ħamsin sena li jibda għaddej minn tmiem is-sena kalendarja li fiha l-awtur ta' dak il-programm tal-*computer* imut.

(3) Ma tista' tittieħed ebda azzjoni taħt dan l-Att għar-rigward ta' xi ħaġa li tkun saret qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għar-rigward ta' drittijiet rikonoxxuti b'dan l-Att iżda li ma kienux rikonoxxuti bl-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, imħassar b'dan l-Att.